ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 294

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

6 ta' Novembru 2013

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà** ........ 1

★ **Direttiva 2013/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li temenda d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE** (1) ........ 13

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1093/2013 tal-4 ta' Novembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1982/2004 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tas-sistema tal-Intrastat u l-ġbir tat-tagħrif fil-kuntest ta' din is-sistema** ........ 28

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 3**

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1094/2013 tal-4 ta' Novembru 2013 dwar l-allokazzjoni lil Franza u lir-Renju Unit ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar fid-diviżjoni VIIe tal-ICES** ..... 30

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1095/2013 tal-4 ta' Novembru 2013 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Sierra de Cádiz (AOP)]** ..... 32

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1096/2013 tal-4 ta' Novembru 2013 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Poulet des Cévennes / Chapon des Cévennes (IĠP)]** ..... 34

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1097/2013 tal-4 ta' Novembru 2013 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Lentilles vertes du Berry (IĠP)]** ..... 36

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1098/2013 tal-4 ta' Novembru 2013 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Gâche vendéenne (IĠP)]** ..... 38

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1099/2013 tal-5 ta' Novembru 2013 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (titjib ta' servizzi regolari ta' tbaħħir)** ..... 40

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1100/2013 tal-5 ta' Novembru 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 42

RAKKOMANDAZZJONIJIET

2013/637/UE:

★ **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Novembru 2013 li temenda r-Rakkomandazzjoni 2006/576/KE fir-rigward tat-tossini T-2 u HT-2 f'għalf kompost għall-qtates** [1] ..... 44

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2013/48/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-22 ta' Ottubru 2013**

**dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 82(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (il-KEDB) u l-Artikolu 14 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (l-ICCPR) jinkorporaw id-dritt għal proċess ġust. L-Artikolu 48(2) tal-Karta jiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tad-difiża.

(2) L-Unjoni stabbilixxiet għaliha stess l-għan li żżomm u tiżviluppa spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Skont il-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew f'Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, u b'mod partikolari l-punt (33) tagħhom, il- prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet oħra tal-awtoritajiet ġudizzjarji għandu jsir il-bażi fundamentali tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali fl-Unjoni peress li r-rikonoxximent reċiproku mtejjeb u l-approssimazzjoni meħtieġa tal-leġislazzjoni jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet individwali.

(3) Skont l-Artikolu 82(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-"kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji…".

(4) L-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonjiet f'materji kriminali tippresupponi li l-Istati Membri jafdaw fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali ta' xulxin. Il-punt sa fejn jasal ir-rikonoxximent reċiproku jiddependi ħafna minn għadd ta' fatturi, li jinkludu mekkaniżmi għas-salvagwardja tad-drittijiet ta' persuni suspettati jew akkużati u standards minimi komuni meħtieġa biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

(5) Minkejja li l-Istati Membri kollha huma parti għall-KEDB u għall-ICCPR, l-esperjenza wriet li dan waħdu mhux dejjem jipprovdi livell suffiċjenti ta' fiduċja fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali ta' Stati Membri oħra.

(6) Ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'materji kriminali jista' jopera b'mod effettiv biss fi spirtu ta' fiduċja li fih mhux biss l-awtoritajiet ġudizzjarji, iżda l-atturi kollha fil-proċess kriminali jikkunsidraw deċiżjonijiet ta' awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stati Membri oħra bħala ekwivalenti għal tagħhom, li timplika mhux biss fiduċja fl-adegwatezza tar-regoli ta' Stati Membri oħra, iżda wkoll fiduċja li dawk ir-regoli huma applikati b'mod korrett. It-tisħiħ ta' fiduċja reċiproka jeħtieġ regoli dettaljati dwar il-protezzjoni tad-drittijiet u garanziji proċedurali li jirriżultaw mill-Karta, mill-KEDB u mill-ICCPR. Jeħtieġ ukoll, permezz ta' din id-Direttiva u permezz ta' miżuri oħra, żvilupp ulterjuri fl-Unjoni tal-istandards minimi stipulati fil-Karta u l-KEDB.

[1] ĠU C 43, 15.2.2012, p. 51.
[2] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2013.

(7) L-Artikolu 82(2) tat-TFUE jipprevedi l-istabbiliment tar-regoli minimi applikabbli fl-Istati Membri biex jiffaċilitaw ir-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji u kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali li għandhom dimensjoni transkonfinali. Dak l-Artikolu jirreferi għad-"drittijiet tal-individwi fil-proċedura kriminali" bħala wieħed mill-oqsma fejn jistgħu jiġu stabbiliti regoli minimi.

(8) Regoli minimi komuni għandhom iwasslu għal żieda fil-fiduċja fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali tal-Istati Membri kollha, li, bħala riżultat għandha twassal għal kooperazzjoni ġudizzjarja aktar effiċjenti fi klima ta' fiduċja reċiproka, u għall-promozzjoni ta' kultura ta' drittijiet fundamentali fl-Unjoni. Regoli minimi komuni bħal dawn għandhom ukoll ineħħu l-ostakoli għall-moviment liberu taċ-ċittadini fit-territorju kollu tal-Istati Membri. Regoli minimi komuni bħal dawn għandhom jiġu stabbiliti fir-rigward tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali, id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà.

(9) Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill adotta Riżoluzzjoni dwar Pjan Direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali ("il-Pjan Direzzjonali") [1]. Permezz ta' approċċ gradwali, il-Pjan Direzzjonali jsejjaħ għall-adozzjoni ta' miżuri rigward id-dritt ta' traduzzjoni u interpretazzjoni (miżura A), id-dritt għal informazzjoni dwar id-drittijiet u informazzjoni dwar l-akkużi (miżura B), id-dritt għal parir legali u għajnuna legali (miżura C), id-dritt li persuna tikkomunika mal-qraba, ma' min iħaddem u mal-awtoritajiet konsulari (miżura D), u għal salvagwardji speċjali għal persuni suspettati jew akkużati li jkunu vulnerabbli (miżura E). Il-Pjan Direzzjonali jenfasizza li l-ordni tad-drittijiet huwa indikattiv biss u għaldaqstant jimplika li jista' jinbidel skont il-prijoritajiet. Il-Pjan Direzzjonali huwa mfassal sabiex jopera fl-intier tiegħu; huwa biss meta jiġu implimentati l-partijiet komponenti kollha tiegħu li għandhom jinħassu l-benefiċċji kollha tiegħu.

(10) Fil-11 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill Ewropew laqa' l-Pjan Direzzjonali u inkludih bħala parti mill-Programm ta' Stokkolma - Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini [2] (punt 2.4). Il-Kunsill Ewropew issottolinja n-natura mhux eżawrjenti tal-Pjan Direzzjonali, billi stieden lill-Kummissjoni biex teżamina elementi ulterjuri ta' drittijiet proċedurali minimi għall-persuni suspettati u akkużati, u biex tevalwa jekk hemmx bżonn li jiġu indirizzati kwistjonijiet oħra, pereżempju l-preżunzjoni tal-innoċenza, biex tkun promossa kooperazzjoni aħjar f'dak il-qasam.

(11) S'issa ġew adottati żewġ miżuri skont il-Pjan Direzzjonali, jiġifieri d-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali [3] u d-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali [4].

(12) Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli minimi dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti għall-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew skont id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja fejn l-Istati Membri [5] (proċeduri relatati tal-mandat ta' arrest Ewropew) u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza maċċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà. B'dan hija tippromwovi l-applikazzjoni tal-Karta, b'mod partikolari tal-Artikoli 4, 6, 7, 47 u 48 tagħha, billi tibni fuq l-Artikoli 3, 5, 6 u 8 tal-KEDB, kif interpretati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li fil-ġurisprudenza tagħha, regolarment tistabbilixxi standards dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat. Din il-ġurisprudenza tipprevedi, fost l-oħrajn, li proċedimenti ġusti jeħtieġu li persuna suspettata jew akkużata tkun tista' tikseb il-firxa kollha ta' servizzi assoċjati speċifikament mal-assistenza legali. F'dak ir-rigward, l-avukati tal-persuni suspettati jew akkużati għandhom ikunu jistgħu jiżguraw mingħajr restrizzjoni l-aspetti fundamentali tad-difiża.

(13) Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri taħt il-KEDB li jiżguraw id-dritt għal proċess ġust, proċedimenti fir-rigward ta' reati minuri li jseħħu f'ħabs u proċedimenti fir-rigward ta' reati mwettqa f'kuntest militari li huma ttrattati minn uffiċjal kmandant ma għandhomx jitqiesu bħala proċedimenti kriminali għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

(14) Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13/UE, li teħtieġ li persuni suspettati jew akkużati jingħataw informazzjoni minnufih dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, u li persuni suspettati jew akkużati li jiġu arrestati jew detenuti jingħataw minnufih Ittra tad-Drittijiet miktuba, li tinkludi informazzjoni dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat.

(15) It-terminu avukat f'din id-Direttiva jirreferi għal kwalunkwe persuna li, f'konformità mal-liġi nazzjonali, tkun kwalifikata u intitolata, inkluż permezz ta' akkreditazzjoni minn korp awtorizzat, li tipprovdi pariri u assistenza legali lil persuni suspettati jew akkużati.

(16) F'xi Stati Membri awtorità li mhijiex qorti li jkollha ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet kriminali tkun kompetenti biex timponi sanzjonijiet għajr iċ-ċaħda tal-libertà fir-rigward ta' reati relattivament minuri. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, fir-rigward ta' reati tat-traffiku li jitwettqu fuq skala kbira u jista' jkun li jiġu stabbiliti wara li jsir kontroll tat-traffiku. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, ikun mhux raġonevoli li l-awtoritajiet kompetenti jkunu

[1] ĠU C 295, 4.12.2009, p. 1.
[2] ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.
[3] ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1.
[4] ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1.
[5] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

meħtieġa tiżguraw d-drittijiet kollha skont din id-Direttiva. Fejn il-liġi ta' Stat Membru tipprevedi l-impożizzjoni ta' sanzjoni minn tali awtorità fir-rigward ta' reati minuri u jkun hemm jew dritt ta' appell jew il-possibbiltà li b'xi mod ieħor il-każ jinġieb quddiem qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, din id-Direttiva għandha għalhekk tapplika biss għall-proċedimenti li jinġiebu quddiem dik il-qorti wara tali appell jew rinviju.

(17) F'xi Stati Membri ċerti reati minuri, b'mod partikolari reati minuri tat-traffiku, reati minuri fir-rigward ta' regolamenti muniċipali ġenerali u ksur minuri tal-ordni pubbliku, jitqiesu bħala reati kriminali. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, ikun mhux raġonevoli li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jiżguraw id-drittijiet kollha skont din id-Direttiva. Fejn il-liġi ta' Stat Membru tipprevedi fir-rigward ta' reati minuri li ma tistax tkun imposta ċ-ċaħda tal-libertà bħala sanzjoni, din id-Direttiva għandha għalhekk tapplika biss għall-proċedimenti quddiem qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'materji kriminali.

(18) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' ċerti reati minuri ma għandux jaffettwa l-obbligi tal-Istati Membri skont il-KEDB li jiżguraw id-dritti għal proċess ġust, inkluż il-kisba ta' assistenza legali minn avukat.

(19) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni suspettati jew akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed f'konformità ma' din id-Direttiva. Fi kwalunkwe każ, persuni suspettati jew akkużati għandhom jingħataw aċċess għas-servizzi ta' avukat matul proċedimenti kriminali quddiem qorti, jekk ma jkunux irrinunzjaw dak id-dritt.

(20) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, interrogazzjoni ma tinkludix interrogazzjoni preliminari mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi li l-għan tagħha jkun li tidentifika l-persuna konċernata, li tivverifika l-pussess ta' armi jew kwistjonijiet simili oħra ta' sikurezza jew li tiddetermina jekk għandhiex tinbeda investigazzjoni, pereżempju waqt li jsir kontroll fit-triq, jew matul kontrolli regolari għall-għarrieda meta persuna suspettata jew akkużata ma tkunx għadha ġiet identifikata.

(21) Fejn persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata, bħal xhud, issir persuna suspettata jew akkużata, dik il-persuna għandha tiġi protetta mill-awtoinkriminazzjoni u jkollha d-dritt li tibqa' siekta, kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk din id-Direttiva tagħmel referenza esplicita għas-sitwazzjoni prattika fejn tali persuna ssir persuna suspettata jew akkużata, matul l-interrogazzjoni mill-pulizija jew awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. Fejn, matul tali interrogazzjoni, persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata ssir persuna suspettata jew akkużata, l-interrogazzjoni għandha tiġi sospiża minnufih. Madankollu, għandu jkun possibbli li l-interrogazzjoni titkompla jekk il-persuna kkonċernata tkun ġiet infurmata li hija persuna suspettata jew akkużata u tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva.

(22) Persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt li jiltaqgħu fil-privat mal-avukat li jirrappreżentahom. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu arranġamenti prattiċi rigward it-tul ta' ħin u l-frekwenza ta' tali laqgħat, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi tal-proċedimenti, b'mod partikolari l-kumplessità tal-każ u l-passi proċedurali applikabbli. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu wkoll arranġamenti prattiċi biex jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà, b'mod partikolari tal-avukat u tal-persuna suspettata jew akkużata, fil-post fejn tali laqgħa sseħħ. Arranġamenti prattiċi bħal dawn ma għandhomx jippreġudikaw l-eżerċizzju effettiv jew l-essenza tad-dritt tal-persuni suspettati jew akkużati li jiltaqgħu mal-avukat tagħhom.

(23) Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt li jikkomunikaw mal-avukat li jirrappreżentahom. Tali komunikazzjoni tista' sseħħ f'kull stadju, inkluż qabel kwalunkwe eżerċizzju tad-dritt li jiltaqgħu ma' dak l-avukat. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu arranġamenti prattiċi rigward it-tul ta' ħin, il-frekwenza u l-mezzi ta' tali komunikazzjoni, inkluż dwar l-użu ta' vidjokonferenzi u teknoloġija oħra tal-komunikazzjoni biex jippermettu li jsiru tali komunikazzjonijiet. Arranġamenti prattiċi bħal dawn ma għandhomx jippreġudikaw l-eżerċizzju effettiv jew l-essenza tad-dritt tal-persuni suspettati jew akkużati li jikkomunikaw mal-avukat tagħhom.

(24) Fir-rigward ta' ċerti reati minuri, din id-Direttiva ma għandhiex timpedixxi lill-Istati Membri milli jorganizzaw id-dritt tal-persuni suspettati jew akkużati li jkollhom aċċess għal avukat permezz tat-telefon. Madankollu, il-limitazzjoni tad-dritt b'dan il-mod għandu jkun ristrett għal każijiet fejn il-persuna suspettata jew akkużata mhux ser tiġi interrogata mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja.

(25) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati jkollhom id-dritt li l-avukat tagħhom ikun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta huma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew minn awtorità ġudizzjarja, anke matul is-seduta tal-qorti. Tali parteċipazzjoni għandha tkun f'konformità ma kwalunkwe proċedura taħt liġi nazzjonali li tista' tirregola l-parteċipazzjoni ta' avukat matul l-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja, inkluż matul is-seduta tal-qorti, dment li tali proċedura ma tippreġudikax l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt ikkonċernat. Matul l-interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja tal-persuna suspettata jew akkużata

jew fis-seduta tal-qorti, l-avukat jista' fost l-oħrajn, f'konformità ma' tali proċeduri, isaqsi mistoqsijiet, jitlob kjarifika u jagħmel stqarrijiet, li għandhom jiġu rreġistrati f'konformità mal-liġi nazzjonali.

(26) Il-persuni suspettati jew akkużati għandhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi atti investigattivi jew atti oħra ta' ġbir ta' provi, sa fejn dawn ikunu previsti fil-liġi nazzjonali konċernata u sa fejn il-persuni suspettati jew akkużati jkunu meħtieġa jew permessi li jattendu. Tali atti għandhom jinkludu mill-inqas ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni, fejn il-persuna suspettata jew akkużata tinsab fost persuni oħrajn sabiex tiġi identifikata minn vittma jew xhud; konfrontazzjonijiet, fejn persuna suspettata jew akkużata titpoġġa flimkien ma' xhud jew xhieda, jew vittma(i) meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejniethom dwar fatti jew kwistjonijiet importanti; u rikostruzzjoni tax-xena tar-reat fil-preżenza tal-persuna suspettata jew akkużata,sabiex jiġu mifhuma aħjar il-mod u ċ-ċirkostanzi li fihom twettaq ir-reat u jkunu jistgħu jsiru mistoqsijiet speċifiċi lill-persuna suspettata jew akkużata. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu arranġamenti prattiċi rigward il-preżenza ta' avukat matul atti investigattivi jew atti ta' ġbir ta' provi. Tali arranġamenti prattiċi ma għandhomx jippreġudikaw l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-drittijiet konċernat. Fejn ikun preżenti avukat matul att investigattiv jew att ta' ġbir ta' provi, dan għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat.

(27) L-Istati Membri għandhom jistinkaw biex jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli, pereżempju fuq sit elettroniku jew permezz ta' fuljett li jkun disponibbli fl-għases tal-pulizija, biex jagħmluha faċli għall-persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat. Madankollu, ma jkunx meħtieġ li l-Istati Membri jieħdu passi attivi biex jiżguraw li persuni suspettati jew akkużati li mhux miċħuda mil-libertà tagħhom jiġu assistiti minn avukat f'każ li l-persuni konċernati ma jkunux huma stess li jagħmlu arranġamenti biex jiġu megħjuna minn avukat. Il-persuna suspettata jew akkużata konċernata għandha tkun tista' tikkuntattja, tikkonsulta u tkun megħjuna liberament minn avukat.

(28) Fejn il-persuni suspettati jew akkużati jinċaħdu mil-libertà tagħhom, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li tali persuni jkunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, inkluż billi jieħdu ħsieb li tingħata għajnuna minn avukat meta l-persuna konċernata ma jkollhiex wieħed, dment li ma jkunux irrinunzjaw għal dan id-dritt. Tali arranġamenti jistgħu jimplikaw, fost l-oħrajn, li l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu arranġamenti għall-assistenza minn avukat fuq il-bażi ta' lista ta' avukati disponibbli li l-persuna suspettata jew akkużata tkun tista' tagħżel minnhom. Tali arranġamenti jistgħu jinkludu dawk dwar l-għajnuna legali, jekk applikabbli.

(29) Il-kondizzjonijiet li fihom il-persuna suspettati jew akkużati jiġu miċħuda l-libertà għandhomjirrispettaw bis-sħiħ l-istandards stabbiliti fil-KEDB, fil-Karta, u fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti tal-Ġustizzja) u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta jipprovdi assistenza skont din id-Direttiva lil persuna suspettata jew akkużata li tkun miċħuda l-libertà, l-avukat konċernat għandu jkun jista' jagħmel mistoqsijiet lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-kondizzjonijiet li fihom dik il-persuna hija miċħuda l-libertà.

(30) F'każijiet ta' distanza ġeografika 'l bogħod tal-persuna suspettata jew akkużata, bħal f'territorji *extra*-Ewropej jew fejn l-Istat Membru jwettaq jew jipparteċipa f'operazzjonijiet militari barra mit-territorju tiegħu, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mid-dritt tal-persuna suspettata jew akkużata li jkollha aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà. Matul deroga temporanja bħal din, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jinterrogaw lill-persuna konċernata jew iwettqu atti investigattivi jew atti ta' ġbir ta' provi previsti f'din id-Direttiva. Meta l-aċċess immedjat għas-servizzi ta' avukat ma jkunx possibbli minħabba d-distanza ġeografika 'l bogħod tal-persuna suspettata jew akkużata, l-Istati Membri għandhom jagħmlu arranġamenti għal komunikazzjoni permezz tat-telefon jew il-vidjokonferenzar sakemm dan ma jkunx impossibbli.

(31) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jidderogaw temporanjament mid-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fil-fażi ta' qabel il-kawża fejn ikun hemm ħtieġa, f'każijiet ta' urġenza, li jiġu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna. Matul deroga temporanja għal dik ir-raġuni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinterrogaw lil persuni suspettati jew akkużati mingħajr ma jkun preżenti l-avukat, dment li l-persuni suspettati jew akkużati jkunu ġew infurmati li għandhom dritt li jibqgħu siekta u li jistgħu jeżerċitaw dak id-dritt, u dment li tali interrogazzjoni ma tippreġudikax id-drittijiet tad-difiża, inkluż il-privileġġ kontra l-awtoinkriminazzjoni. L-interrogazzjoni tista' ssir biss għall-fini u sakemm din tkun meħtieġa biex tinkiseb informazzjoni li tkun essenzjali biex jiġu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna. Kwalunkwe abbuż minn din id-deroga fil-prinċipju jippreġudika b'mod irreparabbli d-drittijiet tad-difiża.

(32) L-Istati Membri għandhom ukoll ikunu jistgħu jidderogaw temporanjament mid-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fil-fażi ta' qabel il-kawża fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun imperattiva sabiex jiġi evitat lil-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali, b'mod partikolari biex jiġu evitati l-qerda jew it-tibdil tal-evidenza essenzjali, jew biex tiġi evitata interferenza max-xhieda. Matul deroga temporanja għal din ir-raġuni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinterrogaw lil persuni suspettati jew akkużati mingħajr ma jkun preżenti l-avukat, dment li l-persuni suspettati jew akkużati jkunu ġew infurmati li għandhom id-dritt li jibqgħu siekta u li jistgħu jeżerċitaw dak id-dritt, u dmenti li tali interrogazzjoni ma tippreġudikax id-drittijiet tad-difiża, inkluż il-privileġġ kontra l-awtoinkriminazzjoni. L-interrogazzjoni tista' ssir biss għall-fini u sakemm din tkun meħtieġa biex tinkiseb informazzjoni li tkun essenzjali biex jiġi evitat li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali. Kwalunkwe abbuż minn din id-deroga fil-prinċipju jippreġudika b'mod irreparabbli d-drittijiet tad-difiża.

(33) Il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni bejn il-persuni suspettati jew akkużati u l-avukat tagħhom hija essenzjali biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża u hija parti essenzjali tad-dritt għal proċess ġust. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-laqgħat u ta' forom oħra ta' komunikazzjoni bejn l-avukat u l-persuna suspettata jew akkużata fl-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat previst f'din id-Direttiva, mingħajr deroga. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-proċeduri li jindirizzaw issitwazzjoni fejn ikun hemm ċirkostanzi oġġettivi u fattwali li jqanqlu s-suspett li l-avukat huwa involut flimkien mal-persuna suspettata jew akkużata f'reat kriminali. Kwalunkwe attività kriminali tal-avukat ma għandhiex titqies bħala assistenza leġittima tal-persuni suspettati jew akkużati fil-qafas ta' din id-Direttiva. L-obbligu li tiġi rispettata l-kunfidenzjalità ma jimplikax biss li l-Istati Membri għandhom jibqgħu lura milli jinterferixxu f'tali komunikazzjoni jew jaċċedu għaliha imma jimplika wkoll li, meta l-persuni suspettati jew akkużati jkunu miċħuda mil-libertà jew altrimenti jsibu ruħhom f'post taħt il-kontroll tal-Istat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-arranġamenti għall-komunikazzjoni jiddefendu u jipproteġu l-kunfidenzjalità. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe mekkaniżmu fis-seħħ f'faċilitajiet ta' detenzjoni bil-għan li jiġi evitat li d-detenuti jirċievu oġġetti illegali, bħall-iċċekkjar tal-korrispondenza, dment li tali mekkaniżmi ma jippermettux lill-awtoritajiet kompetenti li jaqraw il-korrispondenza bejn il-persuni suspettati jew akkużati u l-avukat tagħhom. Din id-Direttiva hija wkoll mingħajr preġudizzju għall-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali li skonthom it-trasmissjoni tal-korrispondenza tista' tiġi rifjutata jekk min jibgħatha ma jaqbilx li l-korrispondenza tintbagħat l-ewwel lil qorti kompetenti.

(34) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal ksur ta' kunfidenzjalità li hija inċidentali għal operazzjoni ta' sorveljanza legali minn awtoritajiet kompetenti. Din id-Direttiva għandha tkun ukoll mingħajr preġudizzju għall-ħidma li ssir, pereżempju mis-servizzi tal-intelligence nazzjonali, biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà nazzjonali skont l-Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jew li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 72 TFUE li skont it-Titolu V dwar l-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ma għandux jaffettwa l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward taż-żamma tal-liġi u l-ordni u s-salvagwardja tas-sigurtà interna.

(35) Il-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà għandu jkollhom id-dritt li tal-anqas ikun hemm persuna waħda, bħal qarib jew min iħaddimhom, magħżul minnhom, li mingħajr dewmien żejjed tkun infurmata biċċaħda tal-libertà, dmenti li dan ma jippreġudikax l-andament tal-proċeduri kriminali kontra l-persuna konċernata, jew għall-ebda proċedimenti kriminali oħra. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu arranġamenti prattiċi rigward l-applikazzjoni ta' dak id-dritt. Tali arranġamenti prattiċi ma għandhomx jippreġudikawl-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt. Madankollu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali limitati għandha tkun possibbli d-deroga temporanja minn dak id-dritt meta dan ikun ġustifikat, fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, minn raġuni konvinċenti kif speċifikata f'din id-Direttiva. Meta l-awtoritajiet kompetenti jipprevedu li jagħmlu tali deroga temporanja fir-rigward ta' persuna terza speċifika, huma għandhom l-ewwel iqisu jekk tistax tiġi infurmata persuna terza oħra, magħżula mill-persuna suspettata jew akkużata, dwar iċċaħda tal-libertà.

(36) Il-persuni suspettati jew akkużati, filwaqt li jinċaħdu mil-libertà tagħhom, għandu jkollhom id-dritt li jikkomunikaw mingħajr dewmien żejjed tal-anqas ma' persuna waħda bħal qarib, magħżula minnhom. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw jew jipposponu l-eżerċizzju ta' dak id-dritt fid-dawl tar-rekwiżiti essenzjali jew rekwiżiti operazzjonali proporzjonati. Tali rekwiżiti jistgħu jinkludu, fost oħrajn, il-ħtieġa li jiġu evitati konsegwenzi negattivi serji fuq il-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna, il-ħtieġa li jiġu evitati preġudizzji fil-proċedimenti kriminali, il-ħtieġa li jiġi evitat reat kriminali, il-ħtieġa li wieħed jistenna għal seduta fil-qorti u l-ħtieġa li jiġu protetti l-vittmi ta' reat. Meta l-awtoritajiet kompetenti jipprevedu li jillimitaw jew jipposponu l-eżerċizzju tad-dritt għall-komunikazzjoni fir-rigward ta' persuna terza speċifika, huma għandhom l-ewwel jikkunsidraw jekk il-persuni suspettati jew akkużati jistgħux jikkomunikaw ma' persuna terza oħra magħżula minnhom. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu arranġamenti prattiċi rigward meta ssir, il-mezz li bih issir, it-tul ta' ħin u l-frekwenza tal-komunikazzjoni ma' persuni terzi, b'kont meħud tal-ħtieġa li jinżammu l-ordni pubbliku, is-sikurezza u s-sigurtà fil-post fejn il-persuna tinċaħad mil-libertà.

(37) Id-dritt ta' persuni suspettati u akkużati li jinċaħdu mil-libertà għal assistenza konsulari huma stabbiliti fl-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-1963 dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari, fejn huwa dritt mogħti lill-Istati li jkollhom aċċess għaċ-ċittadini tagħhom. Din id-Direttiva tikkonferixxi dritt korrispondenti lil persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà, soġġett għax-xewqat tagħhom. Il-protezzjoni konsulari tista' tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet diplomatiċi meta dawn l-awtoritajiet jaġixxu bħala awtoritajiet konsulari.

(38) L-Istati Membri għandhom jistipulaw b'mod ċar fil-liġi nazzjonali tagħhom ir-raġunijiet u l-kriterji għal kwalunkwe deroga temporanja mid-drittijiet mogħtija skont din id-Direttiva, u għandhom jagħmlu użu ristrett minn dawk id-derogi temporanji. Kwalunkwe tali deroga temporanja għandha tkun proporzjonali, għandha tkun strettament limitata fiż-żmien, ma għandhiex tkun ibbażata esklużivament fuq it-tip ta' reat allegat jew il-gravità tiegħu, u ma għandhiex tippreġudika l-ekwità kumplessiva tal-proċedimenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn tkun ġiet awtorizzata deroga temporanja skont din id-Direttiva minn awtorità ġudizzjarja li ma tkunx imħallef jew qorti, id-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni tad-deroga temporanja tista' tiġi vvalutata minn qorti tal-anqas matul l-istadju tal-kawża.

(39) Il-persuni suspettati jew akkużati għandhom ikunu jistgħu jirrinunzjaw dritt mogħti skont din id-Direttiva, dment li jkunu ngħataw informazzjoni dwar il-kontenut tad-dritt konċernat u l-konsegwenzi possibbli tar-rinunzja ta' dak id-dritt. Meta tingħata tali informazzjoni, għandu jittieħed kont tal-kondizzjonijiet speċifiċi tal-persuni suspettati jew akkużati konċernati, inklużi l-età tagħhom, u l-kondizzjoni mentali u fiżika tagħhom.

(40) Ir-rinunzja u ċ-ċirkostanzi li fihom tkun ingħatat għandhom jiġu rreġistrati bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar skont il-liġi tal-Istat Membru konċernat. Dan ma għandu jwassal għall-ebda obbligu addizzjonali għall-Istati Membri li jintroduċi mekkaniżmi ġodda u lanqas għal xi piż amministrattiv addizzjonali.

(41) Fejn persuna suspettata jew akkużata tirrevoka rinunzja f'konformità ma' din id-Direttiva, ma għandux ikun meħtieġ li terġa' ssir l-interrogazzjoni jew kwalunkwe att proċedurali li jkun twettaq matul il-perijodu meta d-dritt konċernat ikun ġie rinunzjat.

(42) Persuni soġġetti għal proċedimenti relatati ma' mandat ta' arrest Ewropew ("persuni rikjesti") għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv skont id-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA. Fejn avukat jipparteċipa fis-seduta ta' persuna rikjesta minn awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, dak l-avukat jista', fost l-oħrajn, f'konformità mal-proċeduri previsti fil-liġi nazzjonali, isaqsi mistoqsijiet, jitlob kjarifiki u jagħmel stqarrijiet. Il-fatt li l-avukat ipparteċipa f'tali seduta għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformita' mal-liġi tal-Istat Membru kkonċernat.

(43) Il-persuni rikjesti għandu jkollhom id-dritt li jiltaqgħu fil-privat mal-avukat li jirrappreżentahom fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu arranġamenti prattiċi rigward it-tul ta' ħin u l-frekwenza ta' tali laqgħat, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu wkoll arranġamenti prattiċi biex jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà, b'mod partikolari tal-avukat u tal-persuna rikjesta, fil-post fejn issir il-laqgħa bejn l-avukat u l-persuna rikjesta. Tali arranġamenti prattiċi ma għandhomx jippreġudikaw l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt ta' persuni rikjesti li jiltaqgħu mal-avukat tagħhom.

(44) Il-persuni rikjesti għandu jkollhom id-dritt li jikkomunikaw mal-avukat li jirrappreżentahom fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. Għandu jkun possibbli li tali komunikazzjoni ssir f'kull stadju, inkluż qabel kwalunkwe eżerċizzju tad-dritt li jiltaqgħu mal-avukat. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu arranġamenti prattiċi rigward it-tul ta' ħin, il-frekwenza u l-mezzi ta' komunikazzjoni bejn il-persuni rikjesti u l-avukat tagħhom, inkluż dwar l-użu ta' vidjokonferenzi u teknoloġija oħra tal-komunikazzjoni biex jippermettu li jsiru tali komunikazzjonijiet. Tali arranġamenti prattiċi ma għandhomx jippreġudikaw l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt tal-persuni rikjesti li jikkomunikaw mal-avukat tagħhom.

(45) L-Istati Membri ta' eżekuzzjoni għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni rikjesti jkunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, inkluż billi jagħmlu arranġamenti għall-assistenza ta' avukat meta l-persuni rikjesti ma jkollhomx wieħed, dment li ma jkunux irrinunzjaw dan id-dritt. Tali arranġamenti, inklużi dawk dwar l-għajnuna legali jekk ikun applikabbli, għandhom ikunu rregolati bil-liġi nazzjonali. Dawn jistgħu jimplikaw, fost l-oħrajn, li l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu arranġamenti għall-assistenza ta' avukat fuq il-bażi ta' lista ta' avukati disponibbli li l-persuni rikjesti jistgħu jagħżlu minnhom.

(46) Mingħajr dewmien żejjed wara li tiġi infurmata li persuna rikjesta tixtieq tqabbad avukat fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha tagħti informazzjoni lill-persuna rikjesta biex tagħmilha faċli għaliha biex tqabbad avukat f'dak l-Istat Membru. Tali informazzjoni tista', pereżempju, tinkludi

lista attwali ta' avukati, jew l-isem ta' avukat fil-kariga fl-Istat li joħroġ il-mandat, li jista' jagħti informazzjoni u pariri fil-każijiet ta' mandat ta' arrest Ewropew. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-kamra tal-avukati adatta biex tfassal tali lista.

(47) Il-proċedura ta' konsenja hija kruċjali għall-kooperazzjoni f'materji kriminali bejn l-Istati Membri. L-osservanza tal-limiti ta' żmien li jinsabu fid-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA hija essenzjali għal tali kooperazzjoni. Għalhekk, filwaqt li l-persuni rikjesti għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw b'mod sħiħ id-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva fi proċedimenti relatati mal-mandat ta' arrest Ewropew, dawk il-limiti ta' żmien għandhom jiġu rispettati.

(48) Sakemm iseħħ att leġislattiv tal-Unjoni dwar l-għajnuna legali, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-liġi nazzjonali tagħhom dwar l-għajnuna legali, li għandha tkun konformi mal-Karta, il-KEDB u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(49) F'konformità mal-prinċipju tal-effettività tad-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ rimedji adegwati u effettivi biex iħarsu id-drittijiet li huma konferiti lill-individwi b'din id-Direttiva.

(50) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-valutazzjoni ta' stqarrijiet magħmulin minn persuni suspettati jew akkużati jew tal-provi miksuba bi ksur tad-dritt tagħhom għal avukat jew f'każijiet fejn kienet awtorizzata deroga minn dak id-dritt f'konformità ma' din id-Direttiva, iridu jiġu rispettati d-drittijiet tad-difiża u l-ekwità tal-proċedimenti. F'dan il-kuntest, għandu jittieħed kont tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li stabbilixxiet li d-drittijiet tad-difiża ikunu, fil-prinċipju preġudikati b'mod irreparabbli meta jintużaw għal kundanna stqarrijiet inkriminanti matul interrogazzjoni mill-pulizija mingħajr aċċess għas-servizzi ta' avukat jintużaw biex xi ħadd jinsab ħati. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-użu ta' stqarrijiet għal finijiet oħra permessi bil-liġi nazzjonali, bħal ma hi l-ħtieġa għal eżekuzzjoni ta' atti investigattivi urġenti biex jiġi evitat it-twettiq ta' reati oħra jew konsegwenzi negattivi serji għal kwalunkwe persuna jew b'rabta ma' ħtieġa urġenti li jiġi evitat li l-proċedimenti kriminalijiġu pperikolati b'mod sostanzjali fejn l-aċċess għas-servizzi ta' avukat jew id-dewmien fl-investigazzjoni jippreġudikaw b'mod irrimedjabbli l-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin fir-rigward ta' reat kriminali gravi. Barra minn hekk, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli jew is-sistemi nazzjonali dwar l-ammissibbiltà ta' provi, u ma għandux jimpedixxi lill-Istati Membri milli jżommu sistema li permezz tagħha l-provi eżistenti kollha jistgħu jinġiebu quddiem qorti jew imħallef, mingħajr ma jkun hemm valutazzjoni separata jew minn qabel dwar l-ammissibbiltà ta' dawk il-provi.

(51) Id-dmir ta' kura għal persuni suspettati jew akkużati li jinsabu f'pożizzjoni potenzjalment dgħajfa jirfed l-amministrazzjoni ġusta tal-ġustizzja. Il-prosekuzzjoni, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandhom għalhekk jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv minn tali persuni tad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva, pereżempju billi jieħdu kont ta' kwalunkwe vulnerabbiltà potenzjali li taffettwa l-abbiltà tagħhom li jeżerċitaw id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat u li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà tagħhom, u billi jieħdu passi adatti biex jiżguraw li dawk id-drittijiet huma garantiti.

(52) Din id-Direttiva ssostni d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali li jinsabu fil-Karta, inklużi l-projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament inuman jew degradanti, id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-integrità tal-persuna, id-drittijiet tat-tfal, l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà, id-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-drittijiet tad-difiża. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

(53) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, fejn jikkorrispondu mad-drittijiet garantiti mill-KEDB, jiġu implimentati b'mod konsistenti ma' dawk tal-KEDB u kif żviluppati bil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(54) Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi. L-Istati Membri jistgħu jestendu d-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva bil-għan li jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni. Tali livell ogħla ta' protezzjoni ma għandux jikkostitwixxi ostakolu għar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi ġudizzjarji li dawk ir-regoli minimi huma mfassla biex jiffaċilitaw. Il-livell ta' protezzjoni qatt ma għandu jkun inqas mill-istandards previsti mill-Karta jew mill-KEDB, kif interpretati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(55) Din id-Direttiva tippromwovi d-drittijiet tat-tfal u tieħu kont tal-Linji Gwida tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ġustizzja favorevoli għat-tfal, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tagħha dwar l-informazzjoni u l-pariri li għandhom jingħataw lit-tfal. Din id-Direttiva tiżgura li l-persuni suspettati jew akkużati, inklużi t-tfal, jingħataw informazzjoni adegwata biex jifhmu l-konsegwenzi ta' rinunzja ta' dritt skont din id-Direttiva u li kwalunkwe rinunzja bħal din għandha ssir b'mod volontarju u inekwivokabbli. Fejn il-persuna suspettata jew akkużata hija tifel jew tifla, id-detentur tar-responsabbiltà ta' ġenitur għandha tiġi notifikata malajr kemm jista' jkun wara ċ-ċaħda tal-libertà tat-tifel jew it-tifla u għandha tingħata r-raġunijiet għaliha. Jekk l-għoti ta' tali informazzjoni lid-detentur tar-responsabbiltà ta' ġenitur ikun kontra l-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla, għandha tiġi infurmata minflok persuna adulta oħra adatta, pereżempju xi

ħadd qarib. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jirrikjedu li kwalunkwe awtorità, istituzzjoni jew individwu speċifiku, b'mod partikolari dawk li jkunu responsabbli għall-protezzjoni jew il-benessri tat-tfal, għandhom ikunu infurmati wkoll biċ-ċaħda tal-libertà ta' tifel jew tifla. L-Istati Membri għandhom jibqgħu lura milli jillimitaw jew jipposponu l-eżerċizzju tad-dritt għall-komunikazzjoni ma' parti terza rigward persuni suspettati jew akkużati li huma tfal u li jkunu miċħuda mil-libertà, għajr fiċ-ċirkostanzi l-aktar eċċezzjonali. Madankollu, meta jiġi applikat posponiment, it-tifel jew it-tifla ma għandhiex tinżamm incommunicado u għandha tkun tista' tikkomunika, pereżempju ma' istituzzjoni jew individwu responsabbli għall-protezzjoni u l-benessri tat-tfal.

(56) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni ([1]), l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom tiġi akkumpanjata minn dokument wieħed jew iktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trasmissjoni ta' dawn id-dokumenti għandha tkun ġustifikata.

(57) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-istabbiliment ta' regoli minimi għad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti relatati mal-mandat ta' arrest Ewropew u d-dritt li tiġi infurmata persuna terza biċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u jistgħu, minħabba l-qies tal-miżura, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(58) F'konformità mal-Artikolu 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness għat-TUE u għat-TFUEu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawk l-Istati Membri mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhumiex marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(59) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-TUE u t-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

([1]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-drittijiet tal-persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali u tal-persuni soġġetti għal proċedimenti skont id-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA ("proċedimenti relatati mal-mandat ta' arrest Ewropew") li jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat, id-dritt li tiġi infurmata parti terza biċ-ċaħda tal-libertà, u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari matul iċ-ċaħda tal-libertà.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tapplika għal persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali mill-mument meta dawn jiġu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, b'notifika uffiċjali jew b'mod ieħor, li huma suspettati jew akkużati li jkunu wettqu reat kriminali, u irrispettivament minn jekk ikunux miċħuda mil-libertà. Din tapplika sal-konklużjoni tal-proċedimenti, li huwa mifhum li tfisser id-determinazzjoni finali tal-kwistjoni jekk il-persuna suspettata jew akkużata tkunx wettqet ir-reat, inkuż fejn applikabbli, l-għoti ta' sentenza u r-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe appell.

2. Din id-Direttiva tapplika għal persuni soġġetti għal proċedimenti relatati ma' mandat ta' arrest Ewropew (persuni rikjesta) mill-mument tal-arrest tagħhom fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni f'konformità mal-Artikolu 11.

3. Din id-Direttiva tapplika wkoll, bl-istess kondizzjonijiet kif previsti fil-paragrafu 1, għal persuni li mhumiex persuni suspettati jew akkużati li, matul l-interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi, isiru persuni suspettati jew akkużati.

4. Mingħajr preġudizzju għad-dritt għal proċess ġust, fir-rigward ta' reati minuri:

(a) meta l-liġi ta' Stat Membru tipprevedi l-impożizzjoni ta' sanzjoni minn awtorità li mhix qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni f'materji kriminali, u l-impożizzjoni ta' tali sanzjoni tista' tiġi appellata jew tkun riferuta għal tali qorti; jew

(b) meta ċ-ċaħda tal-libertà ma tistax tiġi imposta bħala sanzjoni,

din id-Direttiva għandha tapplika biss għall-proċedimenti quddiem qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'materji kriminali.

Fi kwalunkwe każ, din id-Direttiva għandha tapplika bis-sħiħ meta l-persuna suspettata jew akkużata tkun inċaħdet mill-libertà, irrispettivament mill-istadju tal-proċedimenti kriminali.

*Artikolu 3*

**Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.

2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:

(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;

(b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;

(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;

(d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.

3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:

(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;

(b) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;

(c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin,fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:

(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;

(ii) konfrontazzjonijiet;

(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.

4. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli biex jagħmluha faċli għall-persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat.

Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà tagħhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id-dritt f'konformità mal-Artikolu 9.

5. Huwa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il-kawża li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 2 fejn id-distanza ġeografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkużata tagħmilha impossibbli li jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara li persuna tkun inċaħdet mil-libertà tagħha.

6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il-kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:

(a) fejn hemm ħtieġa urġenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna;

(b) fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali.

*Artikolu 4*

**Kunfidenzjalità**

L-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni bejn persuni suspettati jew akkużati u l-avukat tagħhom fl-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, previst f'din id-Direttiva. Tali komunikazzjoni għandha tinklud il-laqgħat, il-korrispondenza, il-konversazzjonijiet telefoniċi u forom oħra ta' komunikazzjoni permessi skont il-liġi nazzjonali.

*Artikolu 5*

**Id-dritt li persuna terza tiġi infurmata dwar iċ-ċaħda tal-libertà**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà jkollhom id-dritt li tiġi infurmata tal-anqas persuna terza waħda, bħal qarib jew min iħaddimhom, magħżula minnhom, dwar iċ-ċaħda tal-libertà tagħhom, mingħajr dewmien żejjed, jekk dan ikun mixtieq minnhom.

2. Jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija tifel jew tifla, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detentur tar-responsabbiltà ta' ġenitur tat-tifel jew it-tifla tkun infurmata mill-aktar fis possibbli biċ-ċaħda tal-libertà u bir-raġunijiet għal tali ċaħda, sakemm dan ma jmurx kontra l-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla, f'liema każ għandha tiġi infurmata persuna adulta adatta oħra. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, persuna ta' inqas minn 18-il sena għandha titqies bħala tifel jew tifla.

3. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet stipulati fil-paragrafi 1 u 2 fejn ġustifikat, fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:

(a) meta hemm ħtieġa urġenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna;

(b) meta hemm ħtieġa urġenti li tkun evitata sitwazzjoni fejn il-proċedimenti kriminali jistgħu jiġu pperikolati b'mod sostanzjali.

4. Fejn l-Istati Membri jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-dritt stipulat fil-paragrafu 2, huma għandhom jiżguraw li awtorità responsabbli għall-protezzjoni jew il-benessri tat-tfal tiġi infurmata mingħajr dewmien biċ-ċaħda tal-libertà tat-tifel jew it-tifla.

*Artikolu 6*

**Id-dritt għall-komunikazzjoni ma' persuni terzi matul iċ-ċaħda tal-libertà**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà tagħhom ikollhom id-dritt li jikkomunikaw mingħajr dewmien żejjed tal-anqas ma' persuna terza waħda, bħal qarib, magħżula minnhom.

2. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw jew jipposponu l-eżerċizzju tad-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 fid-dawl ta' rekwiżiti obbligatorji jew rekwiżiti operazzjonali proporzjonati.

*Artikolu 7*

**Id-dritt ta' komunikazzjoni mal-awtoritajiet konsulari**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li mhumiex ċittadini u li jinċaħdu mil-libertà jkollhom id-dritt li jiġu infurmati l-awtoritajiet konsulari tal-Istat ta' ċittadinanza tagħhom dwar iċ-ċaħda tal-libertà tagħhom mingħajr dewmien żejjed u li jikkomunikaw ma' dawk l-awtoritajiet, jekk huma jkunu jixtiequ hekk. Madankollu, fejn persuni suspettati jew akkużati jkollhom żewġ ċittadinanzi jew aktar, huma jistgħu jagħżlu liema awtoritajiet konsulari, jekk ikun hemm, għandhom ikunu infurmati biċ-ċaħda tal-libertà u ma' min jixtiequ jikkomunikaw.

2. Persuni suspettati jew akkużati għandhom ukoll id-dritt li jżuruhom l-awtoritajiet konsulari tagħhom, id-dritt li jitkellmu u jikkorrispondu magħhom u d-dritt li jsirulhom arranġamenti mill-awtoritajiet konsulari tagħhom għal rappreżentanza legali, soġġett għall-qbil ta' dawk l-awtoritajiet u x-xewqat tal-persuni suspettati jew akkużati konċernati.

3. L-eżerċizzju tad-drittijiet stipulati f'dan l-Artikolu jista' jkun regolat bil-liġi jew il-proċeduri nazzjonali, dment li tali liġi u proċeduri jippermettu li jingħata effett sħiħ lill-finijiet li għalihom huma maħsuba dawn id-drittijiet.

*Artikolu 8*

**Kondizzjonijiet ġenerali għall-applikazzjoni ta' derogi temporanji**

1. Kwalunkwe deroga temporanja skont l-Artikolu 3(5) jew (6) jew skont l-Artikolu 5(3):

(a) għandha tkun proporzjonata u ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju;

(b) għandha tkun strettament limitata biż-żmien;

(c) ma għandhiex tkun ibbażata esklużivament fuq it-tip ta' reat allegat jew fuq il-gravità tiegħu; u

(d) ma għandhiex tippreġudika l-ekwità kumplessiva tal-proċedimenti.

2. Derogi temporanji skont l-Artikolu 3(5) jew (6) jistgħu jiġu awtorizzati biss b'deċiżjoni debitament motivata meħuda skont il-każ, jew minn awtorità ġudizzjarja, jew minn awtorità kompetenti oħra bil-kondizzjoni li dik id-deċiżjoni tista' tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju. Id-deċiżjoni debitament motivata għandha tiġi rreġistrata skont il-proċedura ta' reġistrar skont il-liġi tal-Istat Membru konċernat.

3. Id-derogi temporanji skont l-Artikolu 5(3) jistgħu jiġu awtorizzati biss każ b'każ, minn awtorità ġudizzjarja jew minn awtorità kompetenti oħra bil-kondizzjoni li d-deċiżjoni tista' tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju.

*Artikolu 9*

**Rinunzja**

1. Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali li teħtieġ il-preżenza jew l-assistenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-Artikoli 3 u 10:

(a) il-persuna suspettata jew akkużata tkun ingħatat, bil-miktub jew bil-fomm, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwaġġ sempliċi u li jinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt konċernat u l-konsegwenzi possibbli tar-rinunzja għalih; u

(b) ir-rinunzja tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.

2. Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew bil-fomm, għandha tiġi rreġistrata, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun ingħatat ir-rinunzja, bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati jistgħu jirrevokaw ir-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju matul il-proċedimenti kriminali u li huma jiġu infurmati b'dik il-possibbiltà. Tali revoka għandu jkollha effett mill-mument li ssir.

*Artikolu 10*

**Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti relatati mal-mandat ta' arrest Ewropew**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna rikjesta jkollha d-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni hekk kif tiġi arrestata skont il-mandat ta' arrest Ewropew.

2. Għal dak li jirrigwarda l-kontenut tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, il-persuni rikjesti għandhom ikollhom id-drittijiet li ġejjin f'dak l-Istat Membru:

(a) id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li jippermettu lill=-persuni rikjesti li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv u fi kwalunkwe każ mingħajr dewmien żejjed miċ-ċaħda tal-libertà;

(b) id-dritt li tiltaqa' u li tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentahom;

(c) id-dritt li l-avukat tagħhom jkun preżenti u, f'konformità mal-proċeduri fil-liġi nazzjonali, jipparteċipa matul is-seduta ta' persuna rikjesta mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni. Fejn avukat jipparteċipa matul is-seduta dan għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru kkonċernat.

3. Id-drittijiet previsti fl-Artikoli 4, 5, 6, 7, 9, u fejn tiġi applikata deroga temporanja skont l-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 8 għandu japplika, mutatis mutandis, għall-proċedimenti relatati mal-mandat ta' arrest Ewropew fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

4. L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà, tinforma lill-persuni rikjesti li għandhom id-dritt jqabbdu avukat fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat. Ir-rwol ta' dak l-avukat fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat huwa li jassisti lill-avukat fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni billi jipprovdi lil dak l-avukat informazzjoni u pariri bil-ħsieb tal-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tal-persuni rikjesti skont id-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA.

5. Meta l-persuni rikjesti jkunu jixtiequ jeżerċitaw id-dritt li jqabbdu avukat fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat u ma jkollhomx diġà avukat, l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li joħroġ il-mandat. L-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha, mingħajr dewmien żejjed, tipprovdi informazzjoni lill-persuni rikjesti biex ikun faċli għalihom li jqabbdu avukat hemmhekk.

6. Id-dritt ta' persuna rikjesta li tqabbad avukat fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat huwa mingħajr preġudizzju għal-limiti ta' żmien stabbiliti fid-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA jew l-obbligu tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tiddeċiedi, f'dawk il-limiti ta' żmien u l-kondizzjonijiet definiti skont dik id-Deċiżjoni Kwadru, jekk il-persuna għandhiex tiġi konsenjata.

*Artikolu 11*

**Għajnuna legali**

Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali dwar l-għajnuna legali, li għandha tapplika skont il-Karta u l-KEDB.

*Artikolu 12*

**Rimedji**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, kif ukoll persuni rikjesti fi proċedimenti relatati mal-mandat ta' arrest Ewropew ikollhom rimedju effettiv skont il-liġi nazzjonali f'każ fejn ikun hemm ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli u s-sistemi nazzjonali dwar l-ammissibbiltà ta' provi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fi proċedimenti kriminali, fil-valutazzjoni ta' stqarrijiet magħmulin minn persuni suspettati jew akkużati jew ta' provi miksuba permezz ta' ksur tad-dritt tagħhom għal avukat jew f'każijiet fejn tkun ġiet awtorizzata deroga għal dan id-dritt f'konformità mal-Artikolu 3(6), id-drittijiet tad-difiża u l-ekwità tal-proċedimenti jiġu rispettati.

*Artikolu 13*

**Persuni vulnerabbli**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva jittieħed kont tal-bżonnijiet partikolari ta' persuni suspettati u akkużati li huma vulnerabbli.

*Artikolu 14*

**Klawsola ta' nonrigressjoni**

Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jinftiehem li jillimita lil jew jidderoga minn xi drittijiet u salvagwardji proċedurali li huma żgurati taħt il-Karta, il-KEDB, jew dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-liġi internazzjonali jew il-liġi ta' kwalunkwe Stat Membru li jipprovdi livell ogħla ta' protezzjoni.

*Artikolu 15*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sas-27 ta' Novembru 2016. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi biex issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 16*

**Rapport**

Il-Kummissjoni għandha, sat-28 ta' Novembru 2019, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta kemm l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva, inkluża evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 3(6) flimkien mal-Artikolu 8(1) u (2), akkumpanjata, jekk ikun meħtieġ, bi proposti leġislattivi.

*Artikolu 17*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 18*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, it-22 ta' Ottubru 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | V. LEŠKEVIČIUS |

# DIRETTIVA 2013/50/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Ottubru 2013

## li temenda d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 50 u 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz ta' att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [3],

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 33 tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4], il-Kummissjoni kellha tirrapporta dwar l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, inkluż dwar l-adegwatezza tat-twaqqif tal-eżenzjoni għal titoli ta' dejn eżistenti wara l-perijodu ta' 10 snin kif previst fl-Artikolu 30(4) ta' dik id-Direttiva, u dwar l-impatt potenzjali tal-operazzjoni ta' dik id-Direttiva fuq is-swieq finanzjarji Ewropej.

(2) Fis-27 ta' Mejju 2010, il-Kummissjoni adottat rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/109/KE li identifika oqsma fejn ir-reġim maħluq minn dik id-Direttiva seta' jittejjeb. B'mod partikolari, ir-rapport juri l-ħtieġa li tiġi prevista s-simplifikazzjoni ta' ċerti obbligi għall-emittenti bil-għan li s-swieq regolati jsiru aktar attraenti għall-emittenti żgħar u medji li jżidu kapital fl-Unjoni. Barra minn hekk, jeħtieġ li tittejjeb l-effettività tar-reġim eżistenti tat-trasparenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvelar tas-sjieda korporattiva.

(3) Barra minn hekk, fil-Komunikazzjoni tagħha tat-13 ta' April 2011 bit-titlu 'L-Att dwar is-Suq Uniku, Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja, Flimkien għal tkabbir ġdid', il-Kummissjoni identifikat il-ħtieġa li tiġi riveduta d-Direttiva 2004/109/KE sabiex l-obbligi applikabbli għall-impriżi żgħar u medji elenkati jsiru aktar proporzjonali, filwaqt li jiġi garantit l-istess livell ta' protezzjoni tal-investituri.

(4) Skont ir-rapport tal-Kummissjoni u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, il-piż amministrattiv assoċjat mal-obbligi marbuta mal-ammissjoni għal kummerċ f'suq regolat għandu jitnaqqas għall-emittenti żgħar u medji bil-għan li jittejjeb l-aċċess tagħhom għall-kapital. L-obbligi li jiġu ppubblikati rapporti ta' ġestjoni interim jew rapporti finanzjarji kull tliet xhur jirrappreżentaw piż importanti għal ħafna emittenti żgħar u ta' daqs medju li t-titoli tagħhom huma ammessi għal kummerċ fi swieq regolati, mingħajr ma huma meħtieġa għall-protezzjoni tal-investituri. Dawk l-obbligi jinkoraġġixxu wkoll il-prestazzjoni għal żmien qasir u jiskoraġġixxu l-investiment fit-tul. Sabiex jiġi inkoraġġit il-ħolqien ta' valur sostenibbli u strateġija ta' investiment orjentata fit-tul, huwa essenzjali li titnaqqas il-pressjoni fuq medda qasira ta' żmien fuq l-emittenti u li l-investituri jingħataw inċentiv sabiex jadottaw viżjoni aktar fit-tul. Ir-rekwiżit li jiġu ppubblikati rapporti ta' ġestjoni interim għalhekk għandu jiġi abolit.

(5) L-Istati Membri ma għandhomx ikunu permessi jimponu fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom r-rekwiżit tal-pubblikazzjoni ta' informazzjoni finanzjarja perijodika fuq bażi aktar frekwenti mir-rapporti finanzjarji annwali u r-rapporti finanzjarji ta' kull sitt xhur. Madankollu, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jirrikjedu lill-emittenti biex jippubblikaw informazzjoni finanzjarja perijodika addizzjonali jekk tali rekwiżit ma jikkostitwixxix piż finanzjarju sinifikanti, u jekk l-informazzjoni addizzjonali rikjesta hija proporzjonata mal-fatturi li jikkontribwixxu għad-deċiżjonijiet ta' investiment. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li hija meħtieġa mil-leġislazzjoni tal-Unjoni settorjali, u b'mod partikolari l-Istati Membri jistgħu

[1] ĠU C 93, 30.3.2012, p. 2.
[2] ĠU C 143, 22.5.2012, p. 78.
[3] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2013 (għadha mhix ppublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2013.
[4] ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38.

jirrikjedu l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni finanzjarja perijodika addizzjonali minn istituzzjonijiet finanzjarji. Barra minn hekk, suq regolat jista' jirrikjedi lill-emittenti li għandhom it-titoli tagħhom ammessi għal kummerċ hemmhekk biex jippubblikaw informazzjoni finanzjarja perijodika addizzjonali fis-segmenti kollha ta' dak is-suq jew f'xi wħud minnhom.

(6) Sabiex tiġi prevista flessibbiltà addizzjonali u b'hekk jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, l-iskadenza għall-pubblikazzjoni tar-rapporti finanzjarji ta' kull sitt xhur għandha tiġi estiża għal tliet xhur wara t-tmiem tal-perijodu ta' rappurtar. Billi l-perijodu li fih l-emittenti jistgħu jippubblikaw ir-rapporti finanzjarji ta' kull sitt xhur tagħhom huwa estiż, ir-rapporti tal-emittenti żgħar u ta' daqs medju huma mistennija jirċievu aktar attenzjoni mill-parteċipanti tas-suq, u b'hekk dawk l-emittenti jsiru aktar viżibbli.

(7) Sabiex tiġi prevista trasparenza akbar tal-ħlasijiet magħmula lill-gvernijiet, l-emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għal kummerċ f'suq regolat u li għandhom attivitajiet fl-industriji estrattivi jew tal-qtugħ tal-injam primarju għandhom jiżvelaw f'rapport separat, fuq bażi annwali, ħlasijiet magħmula lill-gvernijiet fil-pajjiżi fejn joperaw. Ir-rapport għandu jinkludi tipi ta' ħlasijiet komparabbli għal dawk żvelati taħt l-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi (EITI). L-iżvler ta' ħlasijiet lil gvernijiet għandha tipprovdi lis-soċjetà ċivili u lill-investituri b'informazzjoni sabiex iżommu lill-pajjiżi li għandhom ħafna riżorsi, responsabbli għar-riċevuti tagħhom mill-isfruttament tar-riżorsi naturali. L-inizjattiva tikkomplementa wkoll il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Governanza u Kummerċ (UE FLEGT) u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam ([1]) li jirrikjedu lill-kummerċanti ta' prodotti tal-injam biex jeżerċitaw diliġenza dovuta sabiex jiġi impedit id-dħul ta' injam illegali fis-suq tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-korpi responsabbli ta' impriża, li jaġixxu fi ħdan il-kompetenzi assenjati lilhom mid-dritt nazzjonali, huma responsabbli li jiżguraw li, fl-aħjar għarfien u l-kapaċità tagħhom, ir-rapport dwar il-ħlasijiet lill-gvernijiet huwa mħejji skont ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Ir-rekwiżiti dettaljati huma definiti fil-Kapitolu 10 tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rapporti finanzjarji annwali, ir-rapporti finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi ([2]).

(8) Għall-finijiet ta' trasparenza u protezzjoni tal-investitur, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-prinċipji li ġejjin japplikaw għar-rappurtar dwar il-ħlasijiet lill-gvernijiet skont il-Kapitolu 10 tad-Direttiva 2013/34/UE: materjalità (l-ebda ħlas, kemm jekk magħmul bħala ħlas uniku jew serje ta' ħlasijiet relatati, m'għandux għalfejn jittieħed kont tiegħu fir-rapport jekk ikun inqas minn EUR 100 000 f'sena finanzjarja); rappurtar tal-gvern u għal kull proġett (rappurtar dwar ħlasijiet lill-gvernijiet għandu jsir abbażi tal-gvern u għal kull proġett); universalità (m'għandha ssir l-ebda eżenzjoni, pereżempju għal emittenti attivi f'ċerti pajjiżi, li jkollha impatt distorsiv u tippermetti lill-emittenti li jisfruttaw minn rekwiżiti ta' trasparenza laxki); komprensività (il-ħlasijieti kollha rilevanti lill-gvernijiet għandhom jiġu rrapportati, f'konformità mal-Kapitolu 10 tad-Direttiva 2013/34/UE [Direttiva dwar il-Kontabilità] u premessi ta' sostenn).

(9) L-innovazzjoni finanzjarja wasslet għall-ħolqien ta' tipi ġodda ta' strumenti finanzjarji li jagħtu lill-investituri esponiment ekonomiku għall-kumpanniji, li l-iżvelar tagħhom ma kienx previst fid-Direttiva 2004/109/KE. Dawk l-istrumenti jistgħu jintużaw biex jinkisbu stokks b'mod sigriet fil-kumpanniji, li jistgħu jirriżultaw f'abbuż tas-suq u jagħtu stampa falza u qarrieqa tas-sjieda ekonomika tal-kumpanniji pubbliċi elenkati. Sabiex ikun żgurat li l-emittenti u l-investituri jkollhom għarfien sħiħ tal-istruttura tas-sjieda korporattiva, id-definizzjoni ta' strumenti finanzjarji f'dik id-Direttiva għandha tkopri l-istrumenti kollha b'effett ekonomiku simili għaż-żamma ta' ishma u drittijiet għall-akkwist ta' ishma.

(10) Strumenti finanzjarji b'effett ekonomiku simili għaż-żamma ta' ishma u drittijiet għall-akkwist ta' ishma li jipprevedu pagament f'kontanti għandhom jiġu kkalkulati fuq bażi ta' "aġġustament delta", bil-multiplikazzjoni tal-ammont kunċettwali ta' ishma sottostanti mad-delta tal-istrument. Id-delta jindika kemm jiċċaqlaq il-valur teoretiku tal-istrument finanzjarju fil-każ ta' varjazzjoni fil-prezz sottostanti tal-istrument u jipprovdi stampa preċiża tal-esponiment tad-detentur għall-istrument sottostanti. Dan l-approċċ jittieħed biex jiżgura li l-informazzjoni dwar it-total tad-drittijiet għal vot aċċessibbli mill-investitur ikun l-aktar preċiż possibbli.

(11) Barra minn hekk, sabiex tkun żgurata t-trasparenza adegwata ta' holding importanti, fejn detentur ta' strumenti finanzjarji jeżerċita d-dritt tiegħu li jakkwista ishma u l-holdings totali ta' drittijiet għal vot marbuta ma' ishma sottostanti jaqbżu l-livell limitu ta' notifika mingħajr ma jiġi affettwat il-perċentwal globali tal-holdings innotifikati qabel, għandha tkun meħtieġa notifika ġdida sabiex tiġi żvelata l-bidla fin-natura tal-holdings.

([1]) ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23.
([2]) ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19.

(12) Reġim armonizzat għan-notifika ta' holdings importanti ta' drittijiet għal vot speċjalment fir-rigward tal-aggregazzjoni ta' holdings ta' ishma ma' holdings ta' strumenti finanzjarji, għandu jtejjeb iċ-ċertezza legali, iżid it-trasparenza u jnaqqas il-piż amministrattiv għall-investituri transkonfinali. L-Istati Membri għalhekk ma għandhomx ikunu permessi jadottaw regoli aktar strinġenti minn dawk previsti fid-Direttiva 2004/109/KE rigward il-kalkolu ta' livelli limiti tan-notifika, l-aggregazzjoni ta' holdings ta' drittijiet għal vot li jorbtu ma' ishma b'holdings ta' drittijiet għal vot fir-rigward ta' strumenti finanzjarji, u l-eżenzjonijiet mir-rekwiżiti ta' notifika. Madankollu, b'kont meħud tad-differenzi eżistenti fil-konċentrazzjoni tas-sjieda fl-Unjoni, u d-differenzi fil-liġijiet tal-kumpanniji fl-Unjoni li jwasslu għall-għadd totali ta' ishma li jvarja mill-għadd totali ta' drittijiet għal vot għal xi emittenti, l-Istati Membri għandhom ikomplu jkunu permessi jistabbilixxu kemm livelli limiti aktar baxxi kif ukoll livelli limiti addizzjonali għan-notifika ta' holdings ta' drittijiet għal vot, u jirrikjedu notifiki ekwivalenti fir-rigward ta' livelli limiti bbażati fuq holdings kapitali. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikomplu jkunu permessi jistabbilixxu obbligi aktar stretti minn dawk previsti fid-Direttiva 2004/109/KE fir-rigward tal-kontenut (bħall-iżvelar tal-intenzjonijiet tad-detenturi ta' ishma), il-proċess u ż-żmien tan-notifika u għandhom ikunu jistgħu jirrikjedu informazzjoni addizzjonali rigward holdings importanti mhux previsti fid-Direttiva 2004/109/KE. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom ukoll ikunu jistgħu jkomplu japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati fir-rigward ta' offerti ta' xiri, transazzjonijiet ta' merger u transazzjonijiet oħra li jaffettwaw is-sjieda jew il-kontroll ta' kumpanniji superviżati mill-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri ([1]) li timponi rekwiżiti ta' żvelar aktar stretti minn dawk fid-Direttiva 2004/109/KE.

(13) L-istandards tekniċi għandhom jiżguraw armonizzazzjoni konsistenti tar-reġim għan-notifika ta' holdings importanti u livelli adegwati ta' trasparenza. Ikun effiċjenti u xieraq li l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ESMA), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), tiġi fdata bit-tfassil ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li ma jinvolvux għażliet ta' politika, u li għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-istandards tekniċi regolatorji mfassla mill-ESMA biex jiġu speċifikati l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet eżistenti mir-rekwiżiti ta' notifika għal holdings importanti ta' drittijiet għal vot. Bl-użu tal-kompetenza tagħha, l-ESMA għandha b'mod partikolari tiddetermina l-każi ta' eżenzjonijiet meta tikkunsidra l-abbuż possibbli tagħhom biex jiġu evitati r-rekwiżiti ta' notifika.

(14) Sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi tekniċi, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tispeċifika l-kontenut tan-notifika ta' holdings importanti ta' strumenti finanzjarji. Huwa ferm importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' espert. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, f'waqtha u adatta tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(15) Sabiex jiġi ffaċilitat l-investiment transkonfinali, l-investituri għandu jkollhom aċċess faċli għal informazzjoni regolata għall-kumpanniji elenkati kollha fl-Unjoni. Madankollu, in-netwerk attwali ta' mekkaniżmi nazzjonali maħtura uffiċjalment għall-ħżin ċentrali tal-informazzjoni regolata ma jiżgurax tfittxija faċli għal tali informazzjoni fl-Unjoni kollha. Sabiex jiġi żgurat aċċess transkonfinali għall-informazzjoni u biex jittieħed kont ta' żviluppi tekniċi fi swieq finanzjarji u f'teknoloġiji ta' komunikazzjoni, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tispeċifika standards minimi għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni regolata, l-aċċess għall-informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni u mekkaniżmi għall-ħżin ċentrali tal-informazzjoni regolata. Il-Kummissjoni, bil-għajnuna tal-ESMA, għandu jkollha s-setgħa wkoll li tieħu miżuri sabiex ittejjeb il-funzjonament tan-netwerk ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' ħżin maħtura b'mod uffiċjali u biex tiżviluppa kriterji tekniċi għall-aċċess għal informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni aċċess għal informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari, rigward l-operazzjoni ta' punt ta' aċċess ċentrali għat-tfittxija għal informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni. L-ESMA għandha tiżviluppa u topera portal web li jservi bħala punt ta' aċċess elettroniku Ewropew ('il-punt ta' aċċess').

(16) Sabiex tittejjeb il-konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2004/109/KE u b'segwitu tal-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2010 bit-titlu "Rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji", is-setgħat ta' sanzjonar għandhom jissaħħu u għandhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti essenzjali fir-rigward tad-destinatarji, il-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati meta tiġi applikata sanzjoni jew miżura amministrattiva, is-setgħat ta' sanzjonar prinċipali u l-livelli ta' sanzjonijiet finanzjarji amministrattivi. Dawk is-setgħat ta' sanzjonar għandhom ikunu disponsibbli tal-inqas f'każ tal-ksur ta' dispożizzjonijiet prinċipali tad-Direttiva 2004/109/KE. l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeżerċitawhom f'ċirkostanzi oħra. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi li jistgħu jiġu applikati jinkludu l-possibbiltà tal-impożizzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji li huma għoljin biżżejjed

([1]) ĠU L 142, 30.4.2004, p. 12.
([2]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

biex ikunu dissważivi. F'każ ta' ksur minn entitajiet ġuridiċi, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprovdu għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet għall-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji tal-entità ġuridika kkonċernata jew individwi oħra li jistgħu jinżammu responsabbli għal dak il-ksur taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dritt nazzjonali. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprovdu wkoll is-suspensjoni jew il-possibbiltà tas-suspensjoni tal-eżerċitar tad-drittijiet għal vot għad-detenturi ta' ishma u strumenti finanzjarji li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' notifika. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħżlu li jipprevedu li s-suspensjoni tad-drittijiet għal vot għandha tapplika biss għall-ksur l-aktar serju. Id-Direttiva 2004/109/KE għandha tirreferi kemm għal sanzjonijiet u miżuri amministrattivi sabiex tkopri l-każi kollha ta' nuqqas ta' konformità, irrelattivament mill-kwalifika tagħhom bħala sanzjoni jew miżura taħt id-dritt nazzjonali, u għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni fil-liġi tal-Istati Membri rigward sanzjonijiet kriminali.

L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprevedu sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali u livelli ta' sanzjonijiet finanzjarji amministrattivi ogħla minn dawk previsti fid-Direttiva 2004/109/KE, b'kont meħud tal-ħtieġa għal sanzjonijiet dissważivi biżżejjed sabiex jiġu appoġġati swieq nodfa u trasparenti. Id-dispożizzjonijiet rigward is-sanzjonijiet u dawk rigward il-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi, ma jikkostitwixxux preċedent għal leġislazzjoni oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari għal ksur regolatorju aktar serju.

(17) Sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet li jimponu miżura jew sanzjoni amministrattiva jkollhom effett dissważiv fuq il-pubbliku inġenerali, normalment għandhom jiġu ppubblikati. Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet hija wkoll għodda importanti biex il-parteċipanti tas-suq jiġu informati dwar liema mġiba hija kkunsidrata bħala li tikser id-Direttiva 2004/109/KE u biex tiġi promossa mġiba tajba aktar wiesgħa fost il-parteċipanti tas-suq. Madankollu jekk il-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni thedded serjament l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja jew ta' investigazzjoni uffiċjali kurrenti jew tikkawża, dment li dan jista' jiġi ddeterminat, ħsara sproporzjonata u serja lill-istituzzjonijiet jew lill-individwi involuti, jew meta, f'każ li s-sanzjoni tiġi imposta fuq persuna fiżika, il-pubblikazzjoni tad-data personali tkun tidher sproporzjonata skont valutazzjoni obbligatorja preċedenti tal-proporzjonalità ta' din il-pubblikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tkun tista' tiddeċiedi li ddewwem tali pubblikazzjoni jew li tippubblika l-informazzjoni fuq bażi anonima.

(18) Sabiex jiġi ċċarat it-trattament ta' titoli mhux elenkati rappreżentati permezz ta' rċevuti ta' depożiti ammessi għal kummerċ f'suq regolat u sabiex jiġu evitati lakuni ta' trasparenza, id-definizzjoni ta' "emittent" għandha tiġi speċifikata aktar sabiex tinkludi l-emittenti ta' titoli mhux elenkati rappreżentati permezz ta' rċevuti ta' depożiti ammessi għal kummerċ f'suq regolat. Huwa xieraq ukoll li d-definizzjoni ta' "emittent" tiġi emendata billi jiġi kkunsidrat il-fatt li f'xi Stati Membri l-emittenti ta' titoli ammessi għal kummerċ f'suq regolat jistgħu jkunu persuni fiżiċi.

(19) Skont id-Direttiva 2004/109/KE, f'każ ta' emittent ta' titoli ta' debitu ta' pajjiż terz li d-denominazzjoni għal kull unità jkun inqas minn EUR 1 000 jew ta' ishma, l-Istat Membru ta' oriġini tal-emittent ikun l-Istat Membru msemmi fil-punt (iii) tal-punt (m) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Sabiex l-Istat Membru ta' oriġini ta' tali emittenti ta' pajjiż terz jiġi ddeterminat b'mod ċar u sempliċi, id-definizzjoni ta' dak it-terminu għandha tiġi emendata biex ikun stabbilit li l-Istat Membru ta' oriġini għandu jkun l-Istat Membru magħżul mill-emittent minn fost l-Istati Membri fejn it-titoli tiegħu jiġu ammessi għal kummerċ f'suq regolat.

(20) L-emittenti kollha li t-titoli tagħhom huma ammessi għal kummerċ f'suq regolat fl-Unjoni għandhom ikunu taħt is-superviżjoni ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru sabiex ikun żgurat li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom. Emittenti li, skont id-Direttiva 2004/109/KE, għandhom jagħżlu l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom iżda li ma jkunux għamlu dan, jistgħu jevitaw li jiġu ssorveljati minn xi awtorità kompetenti fl-Unjoni. Għalhekk, id-Direttiva 2004/109/KE għandha tiġi emendata sabiex tiddetermina Stat Membru ta' oriġini għall-emittenti li ma jkunux żvelaw l-għażla tal-Istat Membru ta' oriġini tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien tliet xhur. F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jkun l-Istat Membru fejn it-titoli tal-emittent ikunu ammessi għal kummerċ f'suq regolat. Fejn it-titoli jkunu ammessi għal kummerċ f'suq regolat f'aktar minn Stat Membru wieħed, dawk l-Istati Membri kollha għandhom ikunu Stati Membri ta' oriġini sakemm l-emittent jagħżel, u jiżvela, Stat Membru ta' oriġini wieħed. Dan għandu jkun inċentiv biex tali emittenti jagħżlu u jiżvelaw l-għażla tagħhom tal-Istat Membru ta' oriġini lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, u sadanittant l-awtoritajiet kompetenti ma jibqgħux mingħajr is-setgħat neċessarji biex jintervjenu sakemm l-emittent ikun żvela l-għażla tiegħu tal-Istat Membru ta' oriġini.

(21) Skont id-Direttiva 2004/109/KE, f'każ li emittent ta' titoli ta' dejn li d-denominazzjoni għal kull unità tagħhom tkun EUR 1 000 jew aktar, l-għażla tal-emittent tal-Istat Membru ta' oriġini tkun valida għal tliet snin. Madankollu, fejn it-titoli ta' emittent ma jkunux għadhom ammessi għal kummerċ f'suq regolat fl-Istat Membru ta' oriġini tal-emittent u jkunu għadhom ammessi għal

([1]) ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64.

kummerċ fi Stat Membru ospitanti wieħed jew aktar, tali emittent ma jkollux relazzjoni mal-Istat Membru ta' oriġini li jkun għażel oriġinarjament jekk dak ma jkunx l-Istat Membru tal-uffiċċju reġistrat tiegħu. Tali emittent għandu jkun jista' jagħżel wieħed mill-Istati Membri ospitanti tiegħu jew l-Istat Membru fejn huwa jkollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu, bħala l-Istat Membru ta' oriġini l-ġdid tiegħu qabel ma jiskadi l-perijodu ta' tliet snin. L-istess possibbiltà li jagħżel Stat Membru ta' oriġini ġdid għandha tapplika wkoll għal emittent ta' titoli ta' dejn ta' pajjiż terz li d-denominazzjoni għal kull unità tagħhom tkun inqas minn EUR 1 000 jew ta' ishma li ma jkunux għadhom ammessi għal kummerċ f'suq regolat fl-Istat Membru ta' oriġini tal-emittent, iżda jkunu għadhom ammessi għal kummerċ fi Stat Membru ospitanti wieħed jew aktar.

(22) Għandu jkun hemm konsistenza bejn id-Direttivi 2004/109/KE u 2003/71/KE rigward id-definizzjoni tal-Istat Membru ta' oriġini. F'dan ir-rigward, sabiex tkun żgurata superviżjoni mill-aktar Stat Membru rilevanti, id-Direttiva 2003/71/KE għandha tiġi emendata biex tiġi prevista aktar flessibbiltà għal sitwazzjonijiet fejn it-titoli ta' emittent inkorporat f'pajjiż terz ma jkunux għadhom ammessi għal kummerċ f'suq regolat fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħu iżda, minflok, ikunu ammessi għal kummerċ fi Stat Membru ieħor jew aktar.

(23) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE ([1]) fiha b'mod partikolari regoli rigward in-notifika tal-għażla tal-Istat Membru ta' oriġini mill-emittent. Dawk ir-regoli għandhom jiġu inkorporati fid-Direttiva 2004/109/KE. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i ospitanti u tal-Istat Membru fejn l-emittent ikollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu, fejn tali Stat Membru ma jkun la ta' oriġini u lanqas Stat Membru ospitanti, ikunu informati dwar l-għażla tal-Istat Membru ta' oriġini mill-emittent, l-emittenti kollha għandhom jintalbu jikkomunikaw l-għażla tal-Istat Membru ta' oriġini tagħhom lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti kollha u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huma jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom, jekk huwa jkun differenti mill-Istat Membru ta' oriġini tagħhom. Ir-regoli rigward in-notifika tal-għażla tal-Istat Membru ta' oriġini għandhom għalhekk jiġu emendati kif adatt.

(24) Ir-rekwiżit taħt id-Direttiva 2004/109/KE rigward l-iżvelar ta' ħruġ ta' self ġdid wassal għal bosta problemi ta' implimentazzjoni fil-prattika u l-applikazzjoni tiegħu hija kkunsidrata bħala kumplessa. Barra minn hekk, dak ir-rekwiżit jikkoinċidi mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2003/71/KE u d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) ([2]) u ma jipprovdix wisq informazzjoni addizzjonali lis-suq. Għalhekk, u sabiex jitnaqqas piż amministrattiv mhux meħtieġ għall-emittenti, dak ir-rekwiżit għandu jiġi abolit.

(25) Ir-rekwiżit sabiex kwalunkwe emenda fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni jew fl-istatuti ta' emittent tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini għandu elementi komuni mar-rekwiżit simili taħt id-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpanniji kkwotati ([3]) u jista' jwassal għal konfużjoni rigward ir-rwol tal-awtorità kompetenti. Għalhekk, u sabiex jitnaqqas piż amministrattiv mhux meħtieġ għall-emittenti, dak ir-rekwiżit għandu jiġi abolit.

(26) Format elettroniku armonizzat għar-rappurtar ikun ta' benefiċċju kbir għall-emittenti, l-investituri u l-awtoritajiet kompetenti, billi dan jagħmel ir-rappurtar eħfef u jiffaċilita l-aċċessibbiltà, l-analiżi u l-komparabbiltà tar-rapporti finanzjari annwali. Għalhekk, it-tħejjija ta' rapporti finanzjarji annwali f'format elottroniku uniku għar-rappurtar għandha tkun obbligatorja mill-1 ta' Jannar 2020, sakemm tkun saret analiżi tal-kostbenefiċċju mill-ESMA. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji għal adozzjoni mill-Kummissjoni, sabiex tispeċifika l-format elettroniku għar-rappurtar, b'referenza dovuta għall-għażliet teknoloġiċi kurrenti u futuri, bħall-eXtensible Busineses Reporting Language (XBRL). L-ESMA, meta tħejji l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji, għandha twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa għall-partijiet interessati kollha kkonċernati, tagħmel valutazzjoni dettaljata tal-impatti potenzjali tal-adozzjoni tal-għażliet teknoloġiċi differenti, u twettaq testijiet xierqa fl-Istati Membri li dwarhom għandha tirrapporta lill-Kummissjoni meta tippreżenta l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji. Fl-iżvilupp tal-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-formati li għandhom jiġu applikati għall-banek u l-intermedjarji finanzjarji u għall-kumpaniji tal-assigurazzjoni, l-ESMA għandha tikkoopera regolarment u mill-qrib mal-Awtorità Supervizorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), u l-Awtorità Supervizorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet) stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), sabiex tieħu kont tal-karatteristiċi partikolari ta' dawn is-setturi, tiżgura l-konsistenza transsettorjali tal-ħidma u tilħaq pożizzjonijiet konġunti. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ikunu jistgħu joġġezzjonaw għall-istandards tekniċi regolatorji skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, f'liema każ, dawn l-istandards ma għandhomx jidħlu fis-seħħ.

([1]) ĠU L 69, 9.3.2007, p. 27.

([2]) ĠU L 96, 12.4.2003, p. 16.

([3]) ĠU L 184, 14.7.2007, p. 17.

([4]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.

([5]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.

(27) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta’ individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u dwar il-moviment liberu ta’ dik id-data ([1]) u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta’ individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta’ dak id-data ([2]), huma applikabbli bis-sħiħ għall-ipproċessar ta’ data personali għall-finijiet ta’ din id-Direttiva.

(28) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif iddikjarati fit-Trattat u għandha tiġi implimentata f’konformità ma’ dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

(29) Billi l-għan ta’ din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu armonizzati r-rekwiżiti ta’ trasparenza rigward informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f’suq regolat, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista’ tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta’ sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta’ proporzjonalità, kif stipulat f’dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(30) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta’ Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta’ spjegazzjoni ([3]), l-Istati Membri ħadu l-impenn li, f’każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri tat-traspożizzjoni tagħhom tkun akkumpanjata minn dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta’ direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti tat-traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta’ din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta’ tali dokumenti hi ġustifikata.

(31) Id-Direttivi 2004/109/KE, 2003/71/KE u 2007/14/KE għalhekk għandhom jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2004/109/KE**

Id-Direttiva 2004/109/KE hija b’dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (d) jinbidel b’dan li ġej:

“(d) ‘emittent’ tfisser persuna fiżika, jew entità ġuridika regolata bid-dritt privat jew pubbliku, inkluż Stat, li t-titoli tagħha huma ammessi għal kummerċ f’suq regolat.

Fil-każ ta’ rċevuti ta’ depożiti ammessi għal kummerċ f’suq regolat, l-emittent ifisser l-emittent tat-titoli rappreżentati, kemm jekk dawk it-titoli jkunu ammessi għal kummerċ f’suq regolat kif ukoll jekk le;”;

(ii) il-punt (i) huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (i), it-tieni inċiż jinbidel b’dan li ġej:

“— fejn l-emittent ikun inkorporat f’pajjiż terz, l-Istat Membru magħżul mill-emittent minn fost l-Istati Membri li fihom it-titoli tiegħu huma ammessi għal kummerċ f’suq regolat. L-għażla tal-Istat Membru ta’ oriġini għandha tibqa’ valida dment li l-emittent ma jkunx għażel Stat Membru ta’ oriġini ġdid taħt il-punt (iii) u jkun żvela l-għażla skont it-tieni paragrafu ta’ dan il-punt (i);”;

(ii) il-punt (ii) jinbidel b’dan li ġej:

“(ii) għal kull emittent li mhuwiex kopert mill-punt (i), l-Istat Membru magħżul mill-emittent minn fost l-Istat Membru li fih l-emittent ikollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu, fejn applikabbli, u dawk l-Istati Membri fejn it-titoli tiegħu jkunu ammessi għal kummerċ f’suq regolat. L-emittent jista’ jagħżel Stat Membru wieħed biss bħala l-Istat Membru ta’ oriġini tiegħu. L-għażla tiegħu għandha tibqa’ valida għal tal-inqas tliet snin dment li t-titoli tiegħu jkunu għadhom ammessi għal kummerċ f’suq regolat fl-Unjoni jew dment li l-emittent ma jibdiex ikun kopert mill-punti (i) jew (iii) matul il-perijodu ta’ tliet snin;”;

(iii) jiżdied il-punt li ġej:

“(iii) għal emittent li t-titoli tiegħu ma jibqgħux ammessi għal kummerċ f’suq regolat fl-Istat Membru ta’ oriġini tiegħu kif definit fit-tieni inċiż tal-punt (i) jew fil-punt (ii) iżda minflok huma ammessi għal kummerċ fi Stat Membru ieħor wieħed jew aktar, ltali Stat Membru ta’ oriġini ġdid kif jista jagħżel l-emittent minn fost l-Istati Membri li fihom it-titoli tiegħu huma ammessi għal kummerċ f’suq regolat u, fejn applikabbli, l-Istat Membru fejn l-emittent ikollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu;”;

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
([3]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

(iv) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“Emittent għandu jiżvela l-Istat Membru ta’ oriġini tiegħu kif imsemmi fil-punti (i), (ii) jew (iii) f’konformità mal-Artikolu 20 u 21. Barra minn hekk, emittent għandu jiżvela l-Istat Membru ta’ oriġini tiegħu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huwa jkollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu, fejn applikabbli, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ oriġini u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti kollha.

Jekk l-emittent jonqos milli jiżvela l-Istat Membru ta’ oriġini tiegħu kif definit fit-tieni inċiż tal-punt (i) jew fil-punt (ii) fi żmien tliet xhur mid-data li fiha t-titoli tal-emittent jiġu ammessi għall-ewwel darba għal kummerċ f’suq regolat, l-Istat Membru ta’ oriġini għandu jkun l-Istat Membru fejn it-titoli tal-emittent huma ammessi għal kummerċ f’suq regolat. Fejm it-titoli tal-emittent huma ammessi għal kummerċ fi swieq regolati li jinsabu jew li qed joperaw f’aktar minn Stat Membru wieħed, dawk l-Istati Membri għandhom ikunu l-Istati Membri ta’ oriġini tal-emittent sakemm l-emittent jagħmel l-għażla sussegwenti ta’ Stat Membru ta’ oriġini wieħed u jiżvelha.

Għal emittent li t-titoli tiegħu jkunu diġà ammessi għal kummerċ f’suq regolat u li l-għażla tiegħu ta’ Stat Membru ta’ oriġini kif imsemmi fil-punti (i), (ii) u (iii) ma ġiex żvelata qabel is-27 ta’ Novembru 2015, il-perijodu ta’ tliet xhur għandu jibqa’ mis-27 ta’ Novembru 2015.

Emittent li jkun għażel Stat Membru ta’ oriġini kif isemmi fil-punti (i), (ii) jew (iii) u li jkun ikkomunika dik l-għażla lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta’ oriġini qabel is-27 ta’ Novembru 2015 għandu jiġi eżentat mir-rekwiżit taħt it-tieni paragrafu ta’ dan il-punt (i), ħlief jekk dan l-emittent jagħżel Stat Membru ta’ oriġini ieħor wara s-27 ta’ Novembru 2015.”;

(iii) jiżdied il-punt li ġej:

“(q) ‘ftehim formali’ tfisser ftehim li huwa vinkolanti skont il-liġi applikabbli.”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“2a. Kwalunkwe referenza għal entitajiet ġuridiċi f’din id-Direttiva għandhom ikunu mifhumin bħala li tinkludi assoċjazzjonijiet ta’ negozju reġistrati mingħajr personalità ġuridika u fondi.”;

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b’dan li ġej:

“1. L-Istat Membru ta’ oriġini jista’ jissoġġetta lill-emittent għal rekwiżiti aktar stringenti minn dawk stabbiliti f’din id-Direttiva, ħlief li ma jistax jirrikjedi lill-emittenti li jippubblikaw informazzjoni finanzjarja perijodika fuq bażi aktar frekwenti mir-rapporti finanzjarji annwali msemmija fl-Artikolu 4 u r-rapporti finanzjarji ta’ kull sitt xhur imsemmija fl-Artikolu 5.”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. B’deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri ta’ oriġini jistgħu jirrikjedu lill-emittenti biex jippubblikaw informazzjoni finanzjarja perijodika addizzjonali fuq bażi aktar frekwenti mir-rapporti finanzjarji annwali msemmija fl-Artikolu 4 u r-rapporti finanzjarji ta’ kull sitt xhur imsemmija fl-Artikolu 5, jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

— l-informazzjoni finanzjarja perijodika addizzjonali ma tikkostitwixxix piż finanzjarju sproporzjonat fl-Istat Membru kkonċernat, b’mod partikolari għal emittenti żgħar u ta’ daqs medju kkonċernati; u

— il-kontenut tal-informazzjoni finanzjarja perijodika addizzjonali mitluba tkun proporzjonata tal-fatturi li jikkontribwixxu għal deċiżjonijiet ta’ investiment mill-investituri fl-Istat Membru kkonċernat.

Qabel jiddeċiedu li jirrikjedu lill-emittenti jippubblikaw informazzjoni finanzjarja perijodika addizzjonali, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw kemm jekk tali rekwiżiti addizzjonali jistgħux iwasslu għal li tingħata attenzjoni eċċessiva fuq ir-riżultati u l-prestazzjoni tal-emittenti għal terminu qasir kif ukoll jekk huma jistax ikollhom impatt negattiv fuq il-ħila ta’ emittenti żgħar u ta’ daqs medju li jkollhom aċċess għas-swieq regolati.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jirrikjedu l-pubblikazzjoni ta’ informazzjoni finanzjarja perijodika addizzjonali minn emittenti li huma istituzzjonijiet finanzjarji.

L-Istat Membru ta’ oriġini ma jistax jissoġġetta detentur ta’ ishma, jew persuna fiżika jew entità ġuridika msemmija fl-Artikolu 10 jew 13, għal rekwiżiti aktar stringenti minn dawk stabbiliti f’din id-Direttiva, ħlief meta:

(i) jistabbilixxi livelli limiti ta’ notifika addizzjonali jew aktar baxxi minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 9(1) u li jirrikjedu notifiki ekwivalenti meta mqabbla ma’ livelli limiti bbażati fuq holdings kapitali;

(ii) japplika rekwiżiti aktar stringenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 12; jew

(iii) japplika liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi adottati fir-rigward ta’ offerti ta’ xiri, transazzjonijiet ta’ merger u transazzjonijiet

oħra li jaffettwaw is-sjieda jew il-kontroll ta' kumpanniji, superviżati mill-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar offerti ta' xiri (*).

(*) ĠU L 142, 30.4.2004, p. 12.";

(3) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-emittent għandu jagħmel pubbliku r-rapport finanzjarju annwali tiegħu sa mhux aktar tard minn erba' xhur mit-tmiem ta' kull sena finanzjarja u għandu jiżgura li dan jibqa' disponibbli pubblikament għal tal-inqas 10 snin.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. B'effett mill-1 ta' Jannar 2020 ir-rapporti finanzjarji annwali kollha għandhom jitħejjew f'format elettroniku uniku għar-rappurtar dment li tkun saret analiżi tal-kostbenefiċċju mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ESMA) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-format elettroniku għar-rappurtar, b'referenza dovuta għall-għażliet teknoloġiċi attwali u futuri. Qabel l-adozzjoni tal-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji, l-EMSA għandha twettaq valutazzjoni adegwata ta' formati elettroniċi għar-rappurtar possibbli u twettaq testijiet xierqa fuq il-post. L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2016.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(*) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.";

(4) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Kull sitt xhur l-emittent ta' ishma jew titoli ta' debitu għandu jagħmel pubbliku rapport finanzjarju li jkopri l-ewwel sitt xhur tas-sena finanzjarja mill-aktar fis possibbli wara t-tmiem tal-perijodu rilevanti, iżda mhux aktar tard minn tliet xhur wara dan. L-emittent għandu jiżgura li r-rapport finanzjarju ta' kull sitt xhur jibqa' disponibbli għall-pubbliku għal tal-inqas 10 snin.";

(5) L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

**Rapport dwar pagamenti lill-gvernijiet**

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-emittenti attivi fl-industriji estrattivi jew tal-injam primarju, kif definiti fl-Artikolu 41(1) u (2) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rapporti finanzjarji annwali, ir-rapporti finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (*) biex iħejju fuq bażi annwali, f'konformità mal-Kapitolu 10 ta' dik id-Direttiva, rapport dwar ħlasijiet li jsiru lill-gvernijiet. Ir-rapport għandu jsir pubbliku tal-inqas sitt xhur wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja u għandu jibqa' disponibbli għall-pubbliku għal tal-inqas għaxar snin. Il-ħlasijiet lill-gvernijiet għandhom jiġu rrappurtati f'livell konsolidat.

(*) ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19.";

(6) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Artikoli 4 u 5 ma għandhomx japplikaw għall-emittenti li ġejjin:

(a) Stat, awtorità reġjonali jew lokali ta' Stat, korp internazzjonali pubbliku li tiegħu huwa membru tal-inqas Stat Membru wieħed, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) stabbilita bil-Ftehim Qafas tal-EFSF u kwalunkwe mekkaniżmu ieħor stabbilit bl-għan li jippreserva l-istabbiltà finanzjarja tal-unjoni monetarja Ewropea billi jipprovdi assistenza finanzjarja temporanja lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri kemm jekk huma joħorġu ishma u titoli oħra kif ukoll jekk le; u

(b) emittent li joħroġ esklużivament titoli ta' dejn ammessi għal kummerċ f'suq regolat, li d-denominazzjoni għal kull unità tagħhom tkun tal-inqas EUR 100 000 jew, fil-każ ta' titoli ta' dejn denominati f'munita oħra minbarra l-euro, meta l-valur ta' tali denominazzjoni għal kull unità jkun, fid-data tal-ħruġ, ekwivalenti għal tal-inqas EUR 100 000.";

(b) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. B'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 4 u 5 ma għandhomx japplikaw għal emittenti li joħorġu esklużivament titoli ta' dejn li d-denominazzjoni għal kull unità tagħhom tkun tal-inqas EUR 50 000 jew, fil-każ ta' titoli ta' dejn denominati f'munita oħra minbarra l-euro, meta l-valur ta' din id-denominazzjoni għal kull unità jkun, fid-data tal-ħruġ, ekwivalenti għal tal-inqas EUR 50 000, li jkunu diġà ġew ammessi għal kummerċ f'suq regolat fl-Unjoni qabel il-31 ta' Diċembru 2010, għall-perijodu li dawn it-titoli ta' dejn ikunu pendenti.";

(7) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għad-drittijiet għal vot miżmuma fil-portafoll tan-negozjar, kif definit fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-adegwatezza tal-kapital ta' kumpanniji ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu (*), ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ta' kumpannija ta' investiment bil-kondizzjoni li:

(a) id-drittijiet għal vot miżmuma fil-portafoll tan-negozjar ma jaqbżux 5 %, u

(b) id-drittijiet għal vot marbuta ma' ishma miżmuma fil-portafoll tan-negozjar ma jiġux eżerċitati jew użati mod ieħor għal intervent fil-ġestjoni tal-emittent.

---

(*) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"6a. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għad-drittijiet għal vot marbuta ma' ishma miksubin għal finijiet ta' stabbilizzazzjoni f'konformità tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2273/2003 tat-22 ta' Diċembru 2003 li jimplimenta d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-eżenzjonijiet għall-programmi tax-xiri lura u l-istabbilizzazzjoni tal-istrumenti finanzjarji (*), dment li d-drittijiet għal vot marbutin ma' dawk l-ishma mhumiex eżerċitati jew użati b'xi mod ieħor bħala intervent fil-ġestjoni tal-emittent.

6b. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-metodu ta' kalkolu tal-livell limitu ta' 5 % msemmi fil-paragrafi 5 u 6, inkluż fil-każ ta' grupp ta' kumpanniji, b'kont meħud tal-Artikolu 12(4) u (5).

L-ESMA għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sas-27 ta' Novembru 2014.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mat-termini tal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

---

(*) ĠU L 336, 23.12.2003, p. 33.";

(8) fl-Artikolu 12(2), il-kliem tal-bidu jinbidel b'dan li ġej:

"In-notifika lill-emittent għandha titwettaq fil-pront, iżda mhux aktar tard minn erbat ijiem ta' negozjar wara d-data li fiha l-azzjonist, jew il-persuna fiżika jew il-persuna ġuridika msemmija fl-Artikolu 10,";

(9) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Ir-rekwiżiti ta' notifika stabbiliti fl-Artikolu 9 għandhom japplikaw ukoll għal persuna fiżika jew entità ġuridika li jkollha, direttament jew indirettament:

(a) strumenti finanzjarji li, mal-maturità, jagħtu lid-detentur, taħt ftehim formali, jew id-dritt mhux kondizzjonat ta' akkwist jew id-diskrezzjoni fir-rigward tad-dritt tiegħu li jakkwista, ishma li magħhom ikun hemm marbuta drittijiet għal vot, diġà maħruġa, ta' emittent li l-ishma tiegħu jkunu ammessi għal kummerċ f'suq regolat;

(b) strumenti finanzjarji li mhumiex inklużi fil-punt (a) iżda li jirreferu għall-ishma msemmija f'dak il-punt u li għandhom effett ekonomiku simili għal dak tal-istrumenti finanzjarji msemmija f'dak il-punt, kemm jekk jagħtu dritt għal saldu konkret kif ukoll jekk le.

In-notifika meħtieġa għandha tinkludi data disaggregata skont it-tip ta' strumenti finanzjarji miżmuma skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu u strumenti finanzjarji miżmuma skont il-punt (b) ta' dak is-subparagrafu, li tagħmel distinzjoni bejn l-istrumenti finanzjarji li jagħtu dritt għal saldu konkret u l-istrumenti finanzjarji li jagħtu dritt għal ħlas bi flus kontanti.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"1a. L-għadd ta' drittijiet għal vot għandu jiġi kkalkulat b'referenza għall-ammont kunċettwali sħiħ ta' ishma sottostanti għall-istrument finanzjarju ħlief fejn l-istrument finanzjarju jipprevedi esklużivament ħlas bi flus kontanti, f'liema każ l-għadd ta' drittijiet għal vot għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' 'aġġustament delta', billi jiġi mmultiplikat l-ammont kunċettwali ta' ishma sottostanti mad-delta tal-istrument. Għal dan il-fini, id-detentur għandu jiġbor flimkien u jinnotifika l-istrumenti finanzjarji kollha relatati mal-istess emittent sottostanti. Għall-kalkolu tad-drittijiet għal vot għandhom jiġu kkunsidrati biss il-pożizzjonijiet twal. Il-pożizzjonijiet twal ma għandhomx jingħataw bil-valur nett ma' pożizzjonijiet bin-nieqes relatati mal-istess emittent sottostanti.

L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) il-metodu biex jiġi kkalkulat l-għadd ta' drittijiet għal vot imsemmi fl-ewwel subparagrafu fil-każ ta' strumenti finanzjarji referenzati għal sett ta' ishma jew indiċi; u

(b) il-metodi biex tiġi ddeterminata delta għall-fini li jiġu kkalkulati d-drittijiet għal vot relatati ma' strumenti finanzjarji li jipprevedu esklużivament ħlas bi flus kontanti kif mitlub fl-ewwel subparagrafu.

L-ESMA għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sas-27 ta' Novembru 2014.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

1b. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala strumenti finanzjarji, dment li huma jissodisfaw kwalunkwe mill-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) jew (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1:

(a) titoli trasferibbli;

(b) għażliet;

(c) futuri;

(d) tpartit;

(e) ftehimiet ta' rata bil-quddiem;

(f) kuntratti għal differenzi; u

(g) kwalunkwe kuntratti jew ftehimiet oħra b'effetti ekonomiċi simili li jistgħu jiġu saldati fiżikament jew bi flus kontanti.

L-ESMA għandha tistabbilixxi u perijodikament taġġorna lista indikattiva ta' strumenti finanzjarji li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' notifika skont il-paragrafu 1, b'kont meħud ta' żviluppi tekniċi fis-swieq finanzjarji.";

(c) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta, permezz ta' atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 27(2a), (2b) u (2c), u soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 27a u 27b, il-miżuri sabiex tispeċifika l-kontenuti tan-notifika li għandha ssir, il-perijodu tan-notifika u lil min għandha ssir in-notifika, kif imsemmi fil-paragrafu 1.";

(d) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-eżenzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9(4), (5) u (6) u fl-Artikolu 12(3), (4) u (5) għandhom japplikaw mutatis mutandis għar-rekwiżiti ta' notifika taħt dan l-Artikolu.

L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-każijiet li fihom l-eżenzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu japplikaw għal strumenti finanzjarji miżmuma minn persuna fiżika jew entità ġuridika li tkun qiegħda twettaq ordnijiet riċevuti minn klijenti jew tirrispondi għat-talbiet ta' klijent għal kummerċ ħlief fuq bażi proprjetarja, jew pożizzjonijiet ta' hedging li jirriżultaw minn tali negozjar.

L-ESMA għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sas-27 ta' Novembru 2014.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(10) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 13a*

**Aggregazzjoni**

1. Ir-rekwiżiti ta' notifika stabbiliti fl-Artikoli 9, 10 u 13 għandhom japplikaw ukoll għal persuna fiżika jew entità ġuridika meta l-għadd ta' drittijiet għal vot miżmuma direttament jew indirettament minn tali persuna jew entità skont l-Artikolu 9 u 10, aggregat mal-għadd ta' drittijiet għal vot relatati ma' strumenti finanzjarji miżmuma direttament jew indirettament skont l-Artikolu 13 jilħaq, jaqbeż jew jinżel taħt il-livelli limitu stabbiliti fl-Artikolu 9(1).

In-notifika meħtieġa taħt l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tinkludi analiżi tal-għadd ta' drittijiet għal vot marbuta ma' ishma miżmuma skont l-Artikoli 9 u 10 u tad-drittijiet għal vot marbuta ma' strumenti finanzjarji skont it-tifsira tal-Artikolu 13.

2. Id-drittijiet għal vot marbuta ma' strumenti finanzjarji li diġà jkunu ġew notifikati skont l-Artikolu 13 għandhom jerġgħu jiġu notifikati meta l-persuna fiżika jew l-entità ġuridika tkun akkwistat l-ishma sottostanti u dik l-akkwiżizzjoni twassal biex l-għadd totali ta' drittijiet għal vot marbuta mal-ishma maħruġa mill-istess emittent jilħaq jew jaqbeż il-livelli limitu stipulati fl-Artikolu 9(1).";

(11) l-Artikolu 16(3) jitħassar;

(12) fl-Artikolu 19(1) jitħassar it-tieni subparagrafu;

(13) L-Artikolu 21(4) jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta, permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 27(2a), (2b) u (2c), u soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 27a u 27b, miżuri sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) standards minimi għat-tixrid ta' informazzjoni regolata, kif imsemmi fil-paragrafu 1;

(b) standards minimi għall-mekkaniżmi ta' ħżin ċentrali kif imsemmi fil-paragrafu 2;

(c) regoli li jiżguraw l-interoperabilità tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni użati mill-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 2 u l-aċċess għal informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni, imsemmi hemmhekk.

Il-Kummissjoni tista' wkoll tispeċifika u taġġorna lista ta' mezzi għat-tixrid ta' informazzjoni lill-pubbliku.";

(14) Għandu jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 21a*

**Punt ta' aċċess elettroniku Ewropew**

1. Portal web li jservi bħala punt ta' aċċess elettroniku Ewropew ('il-punt ta' aċċess') għandu jiġi stabbilit sal-1 ta' Jannar 2018. L-ESMA għandha tiżviluppa u tħaddem il-punt ta' aċċess.

2. Is-sistema ta' interkonnessjoni ta' mekkaniżmi maħtura uffiċjalment għandha tkun magħmula minn:

— il-mekkaniżmi msemmija fl-Artikolu 21(2),

— il-portal li jservi bħala l-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-aċċess għall-mekkaniżmi ta' ħżin ċentrali tagħhom permezz tal-punt ta' aċċess.";

(15) L-Artikolu 22 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 22*

**Aċċess għal informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni**

1. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jistabbilixxu rekiwżiti tekniċi firrigward tal-aċċess għal informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) ir-rekwiżiti tekniċi rigward it-teknoloġiji tal-komunikazzjoni użati mill-mekkaniżmi msemmija fl-Artikolu 21(2);

(b) ir-rekwiżiti tekniċi għat-tħaddim tal-punt ta' aċċess ċentrali għat-tfittxija għal informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni;

(c) ir-rekwiżiti tekniċi rigward l-użu ta' identifikatur uniku għal kull emittent mill-mekkaniżmi msemmija fl-Artikolu 21(2);

(d) il-format komuni għat-twassil ta' informazzjoni regolata mill-mekkaniżmi msemmija fl-Artikolu 21(2);

(e) il-klassifikazzjoni komuni ta' informazzjoni regolata mill-mekkaniżmi msemmija fl-Artikolu 21(2) u l-lista komuni ta' tipi ta' informazzjoni regolata.

2. Fl-iżvilupp tal-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, l-ESMA għandha tieħu kont tar-rekwiżiti tekniċi għas-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri ta' negozju stabbilita bid-Direttiva 2012/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

L-ESMA għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sas-27 ta' Novembru 2015.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

---

(*) ĠU L 156, 16.6.2012, p. 1.";

(16) fl-Artikolu 23(1), jiżdied subparagrafu li ġej:

"L-informazzjoni koperta bir-rekwiżiti stabbiliti fil-pajjiż terz għandha tiġi depożitata f'konformità mal-Artikolu 19 u għandha tiġi żvelata f'konformità mal-Artikoli 20 u 21.";

(17) fl-Artikolu 24 jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"4a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw is-setgħat investigattivi kollha neċessarji għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mad-dritt nazzjonali.

4b. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat ta' sanzjonar tagħhom, skont din id-Direttiva u d-dritt nazzjonali, bi kwalunkwe wieħed mill-modi li ġejjin:

— direttament;

— f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet oħra;

— taħt ir-responsabbiltà tagħhom b'delega lil dawn l-awtoritajiet;

— b'applikazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.";

(18) fl-Artikolu 25 (2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' sanzjonar u s-setgħat investigattivi tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw li s-sanzjonijiet jew il-miżuri jipproduċu r-riżultati mixtieqa, u għandhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom meta jittrattaw każijiet transkonfinali.";

(19) it-titolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 27b:

"KAPITOLU VIA

**SANZJONIJIET U MIŻURI**";

(20) l-Artikolu 28 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 28*

**Miżuri u sanzjonijiet amministrattivi**

1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 24 U d-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar miżuri u sanzjonijiet amministrattivi applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawk il-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn ikunu japplikaw obbligazzjonijiet għal entitajiet ġuridiċi, f'każ ta' ksur, jistgħu jiġu applikati sanzjonijiet, soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dritt nazzjonali, għall-membri ta' korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji tal-entità ġuridika kkonċernata, u għal individwi oħra li jkunu responsabbli għall-ksur taħt id-dritt nazzjonali.";

(21) Jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

*"Artikolu 28a*

**Ksur**

L-Artikolu 28b għandu japplika tal-inqas għall-ksur li ġej:

(a) nuqqas min-naħa tal-emittent li jagħmel pubblika, fil-limitu ta' żmien meħtieġ, l-informazzjoni meħtieġa taħt id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għat-traspożizzjoni tal-Artikoli 4, 5, 6, 14 u 16;

(b) nuqqas min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika li tinnotifika, fil-limitu ta' żmien meħtieġ, l-akkwiżizzjoni jew id-disponiment ta' holding importanti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għat-traspożizzjoni tal-Artikoli 9, 10, 12, 13 u 13a.

*Artikolu 28b*

**Setgħat ta' sanzjonar**

1. F'każ ta' ksur imsemmi fl-Artikolu 28a, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħa li jimponu tal-inqas il-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna fiżika jew l-entità ġuridika responsabbli u n-natura tal-ksur;

(b) ordni li tirrikjedi lill-persuna fiżika jew lill-entità ġuridika responsabbli twaqqaf l-imġiba li tkun tikkostitwixxi ksur u ma tirrepetix dik l-imġiba;

(c) sanzjonijiet pekunarji amministrattivi ta';

(i) fil-każ ta' entità ġuridika,

— sa EUR 10 000 000 jew sa 5 % tat-total tal-valur tal-bejgħ annwali skont l-aħħar kontijiet annwali disponibbli approvati mill-korp maniġerjali; fejn l-entità ġuridika hija impriża prinċipali jew sussidjarja ta' impriża prinċipali li għandha tħejji kontijiet finanzjarji konsolidati skont id-Direttiva 2013/34/UE, il-valur tal-bejgħ totali rilevanti għandu jkun it-total tal-valur tal-bejgħ annwali jew it-tip korrispondenti ta' introjtu f'konformità mad-Direttivi rilevanti dwar il-kontabilità skont l-aħħar kontijiet annwali konsolidati disponibbli approvati mill-korp maniġerjali tal-aħħar impriża prinċipali; jew

— sad-doppju tal-ammont tal-profitti miksuba jew it-telf evitat minħabba l-ksur, fejn dawn ikunu jistgħu jiġu determinati,

liema minnhom ikun l-ogħla;

(ii) fil-każ ta' persuna fiżika;

— sa EUR 2 000 000; jew

— sad-doppju tal-ammont tal-profitti miksuba jew it-telf evitat minħabba l-ksur, fejn dawn ikunu jistgħu jiġu determinati,

liema minnhom ikun l-ogħla.

Fl-Istati Membri fejn l-euro mhijiex il-munita uffiċjali, il-valur korrispondenti għall-euro fil-munita nazzjonali għandu jiġi kkalkulat b'kont meħud tar-rata ta' kambju uffiċjali fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2013/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li temenda d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE (*).

2. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti taħt l-Artikolu 24 u d-dritt tal-Istati Membri li jimponu sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom jipprevedu l-possibbiltà ta' suspensjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet għal vot marbuta mal-ishma f'każ tal-ksur kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 28a. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li s-suspensjoni tad-drittijiet għal vot għandha tapplika biss għall-aktar ksur serju.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali u livelli ogħla ta' sanzjonijiet pekunarji amministrattivi minn dawk previsti f'din id-Direttiva.

*Artikolu 28c*

**Eżerċizzju tas-setgħat ta' sanzjonar**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jkunu qegħdin jiddeterminaw it-tip u l-livell ta' sanzjonijiet jew miżuri amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż fejn adatt:

(a) il-gravità u d-dewmien tal-ksur;

(b) il-livell ta' responsabbiltà tal-persuna fiżika jew l-entità ġuridika responsabbli;

(c) is-saħħa finanzjarja tal-persuna fiżika jew l-entità ġuridika responsabbli, pereżempju kif indikat mill-valur tal-bejgħ totali tal-entità ġuridika responsabbli jew l-introjtu annwali tal-persuna fiżika responsabbli;

(d) l-importanza tal-profitti miksuba jew it-telf evitat mill-persuna fiżika jew l-entità ġuridika responsabbli, safejn ikunu jistgħu jiġu determinati;

(e) it-telf imġarrab minn partijiet terzi b'riżultat tal-ksur, safejn ikun jista' jiġi determinat;

(f) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna fiżika jew l-entità ġuridika responsabbli mal-awtorità kompetenti;

(g) ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew l-entità ġuridika responsabbli.

2. L-ipproċessar ta' data personali miġbura fl-eżerċizzju tas-setgħat superviżorji u investigattivi jew għalih f'konformità ma' din id-Direttiva għandu jitwettaq f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE u mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 fejn rilevanti.

(*) ĠU L 294, 6.11.2013, p. 13.";

(22) it-titolu li ġej jiddaħħal qabel l-Artikolu 29:

"KAPITOLU VIB

**PUBBLIKAZZJONI TA' DEĊIŻJONIJIET**";

(23) L-Artikolu (29) jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 29*

**Pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw kull deċiżjoni dwar sanzjonijiet u miżuri imposti għall-ksur ta' din id-Direttiva mingħajr dewmien bla bżonn, inkluż tal-inqas informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuni fiżiċi jew l-entitajiet ġuridiċi responsabbli għalih.

Madankollu l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jdewmu l-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni, jew jistgħu jippubblikaw id-deċiżjoni fuq bażi anonima b'mod li jkun f'konformità mad-dritt nazzjonali, fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fejn, fil-każ li s-sanzjoni tiġi imposta fuq persuna fiżika, il-pubblikazzjoni tad-data personali tinstab li hi sproporzjonata meta ssir valutazzjoni obbligatorja minn qabel tal-proporzjonalità ta' din il-pubblikazzjoni;

(b) fejn il-pubblikazzjoni thedded b'mod serju l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja jew investigazzjoni uffiċjali li għaddejja;

(c) fejn il-pubblikazzjoni tikkawża, dment li tista' tiġi ddeterminata, ħsara sproporzjonata u serja għall-istituzzjonijiet jew il-persuni fiżiċi involuti.

2. Jekk jiġi ppreżentat appell kontra d-deċiżjoni ppubblikata taħt il-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tkun obbligata tinkludi informazzjoni f'dak is-sens fil-pubblikazzjoni meta ssir il-pubblikazzjoni jew temenda l-pubblikazzjoni jekk l-appell jiġi ppreżentat wara l-pubblikazzjoni inizjali.";

(24) L-Artikolu 31(2) jinbidel b'dan li ġej:

"2. Meta l-Istati Membri jadottaw miżuri skont l-Artikoli 3(1), 8(2) jew 8(3) jew l-Artikolu 30, huma għandhom jikkomunikaw immedjatament dawk il-miżuri lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.".

*Artikolu 2*

**Emendi għad-Direttiva 2003/71/KE**

Id-Direttiva 2003/71/KE hija emendata kif ġej: Il-punt (iii) tal-punt (m) tal-Artikolu 2(1) jinbidel b'dan li ġej:

"(iii) għall-emittenti kollha ta' titoli inkorporati f'pajjiż terz li mhumiex imsemmija fil-punt (ii), l-Istat Membru fejn it-titoli jkunu maħsuba li jiġu offruti lill-pubbliku għall-ewwel darba wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2013/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li temenda d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE.jew (*) fejn issir l-ewwel applikazzjoni għall-ammissjoni għal kummerċ f'suq regolat, skont l-għażla tal-emittent, ta' min joffrihom jew tal-persuna li titlob l-ammissjoni, skont kif ikun il-każ, soġġett għal għażla sussigwenti mill-utenti inkorporati f'pajjiż terz fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

— fejn l-Istat Membru ta' oriġini ma jkunx ġie determinat bl-għażla tagħhom; jew

— f'konformità mal-punt (iii) tal-punt (i) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (**).

(*) ĠU L 294, 6.11.2013, p. 13.
(**) ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38.".

*Artikolu 3*

**Emendi għad-Direttiva 2007/14/KE**

Id-Direttiva 2007/14/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 jitħassar;

(2) Fl-Artikolu 11, il-paragrafi 1 u 2 jitħassru;

(3) L-Artikolu 16 jitħassar.

*Artikolu 4*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għal konformità ma' din id-Direttiva fi żmien 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha. Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwarhom.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati mit-tali referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 5*

**Rieżami**

Sas-27 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar it-tħaddim ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, inkluż dwar l-impatt tagħha fuq emittenti żgħar u ta' daqs medju, u dwar l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet, b'mod partikolari jekk humiex effettivi, proporzjonati u disswasivi, u għandhatagħmel rieżami tat-tħaddim u tiġi vvalutata l-effettività tal-metodu miżmum għall-kalkolu tal-għadd ta' drittijiet għal vot relatati mal-istrumenti finanzjarji msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1a) tad-Direttiva 2004/109/KE.

Ir-rapport għandu jiġi ppreżentat flimkien ma' proposta leġislattiva, jekk ikun adatt.

*Artikolu 6*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 7*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, it-22 ta' Ottubru 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | V. LEŠKEVIČIUS |

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1093/2013

**tal-4 ta' Novembru 2013**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1982/2004 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tas-sistema tal-Intrastat u l-ġbir tat-tagħrif fil-kuntest ta' din is-sistema**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq l-istatistiċi Komunitarji rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn Stati Membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3330/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(1) u 10(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 638/2004 jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistiċi Komunitarji rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Istati Membri.

(2) Wara l-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi li kien hemm, ir-rata ta' kopertura minima stabbilita għall-wasliet tista' tiġi adattata filwaqt li jinżammu statistiċi li jilħqu l-indikaturi tal-kwalità u l-istandards fis-seħħ. Din is-simplifikazzjoni se tippermetti t-tnaqqis tal-piż tar-rispons fuq il-partijiet li huma responsabbli biex jipprovdu l-informazzjoni tal-istatistika, partikolarment l-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju. Għaldaqstant, ir-rata ta' kopertura għall-wasliet għandha titnaqqas minn 95 % għal 93 %.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1982/2004 tat-18 ta' Novembru 2004 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistiċi tal-Komunità rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Istati Membri u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1901/2000 u (KEE) Nru 3590/92 ([2]) jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ġbir tat-tagħrif fil-kuntest tas-sistema tal-Intrastat. Filwaqt li l-Istati Membri jridu jibagħtu r-riżultati tagħhom ta' kull xahar lill-Eurostat, imqassmin skont il-valur statistiku tagħhom, dawn huma limitati fl-arranġamenti prattiċi għall-ġbir ta' dan it-tagħrif. Għandu jiġi stipulat approċċ ġenerali koerenti għall-ġbir tat-tagħrif fil-kuntest tas-sistema tal-Intrastat u l-arranġamenti marbutin mal-ġbir f'termini tal-valur statistiku għandhom jiġu ssimplifikati.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-istatistika marbuta mal-kummerċ tal-merkanzija bejn l-Istati Membri,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 638/2004 il-perċentwal "95 %" għandu jinbidel bil-perċentwal "93 %".

*Artikolu 2*

L-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 1982/2004 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiġbru wkoll il-valur statistiku tal-oġġetti, kif definit fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 638/2004."

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 102, 7.4.2004, p. 1.

([2]) ĠU L 343, 19.11.2004, p. 3.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1094/2013

## tal-4 ta' Novembru 2013

## dwar l-allokazzjoni lil Franza u lir-Renju Unit ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar fid-diviżjoni VIIe tal-ICES

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 39/2013 tal-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa, għall-2013, l-opportuntajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut li mhumiex suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ([1]), u b'mod partikolari l-punt 7 tal-Anness IIC tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talba magħmula minn Franza u mir-Renju Unit,

Billi:

(1) It-Tabella I tal-Anness IIC tar-Regolament (UE) Nru 39/2013 tispeċifika l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li fihom bastimenti tal-UE ta' tul kumplessiv massimu ta' 10 metri jew aktar li jkollhom abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' 80 mm jew akbar jew xbieki statiċi, fosthom għeżula, pariti u għeżula tat-tħabbil, b'qies il-malji ta' 220 mm jew anqas jistgħu jkunu preżenti fid-diviżjoni VIIe tal-ICES mill-1 ta' Frar 2013 sal-31 ta' Jannar 2014.

(2) Il-punt 7.5 ta' dak l-Anness jippermetti lill-Kummissjoni talloka għadd addizzjonali ta' jiem fuq il-baħar li fihom bastiment jista' jkun preżenti f'dik iż-żona filwaqt li jkollu abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu jew xbieki statiċi, abbażi ta' waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li jkunu seħħew mill-1 ta' Jannar 2004.

(3) Fid-dawl tad-dejta dwar bastimenti tat-tkarkir bit-travu irtirati mill-flotta tas-sajd ippreżentata fit-talba mressqa minn Franza skont il-punti 7.1 u 7.4 tal-Anness IIC u bl-applikazzjoni tal-metodu tal-kalkolu previst fil-punt 7.2 ta' dak l-Anness, 11-il jum addizzjonali fuq il-baħar għandhom jiġu allokati lil Franza għall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2013 u l-31 ta' Jannar 2014 għal bastimenti li jġorru abbord jew jużaw dawn ix-xbieki tat-tkarkir bit-travu.

(4) Fid-dawl tad-dejta dwar bastimenti bi xbieki statiċi irtirati mill-flotta tas-sajd ippreżentata fit-talba mressqa minn Franza skont il-punti 7.1 u 7.4 tal-Anness IIC u bl-applikazzjoni tal-metodu tal-kalkolu previst fil-punt 7.2 ta' dak l-Anness, 14-il jum addizzjonali fuq il-baħar għandhom jiġu allokati lil Franza għall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2013 u l-31 ta' Jannar 2014 għal bastimenti bħal dawn li jġorru abbord jew jużaw dawn ix-xbieki statiċi.

(5) Fid-dawl tad-dejta dwar bastimenti tat-tkarkir bit-travu irtirati mill-flotta tas-sajd ippreżentata fit-talba mressqa mir-Renju Unit skont il-punti 7.1 u 7.4 tal-Anness IIC u bl-applikazzjoni tal-metodu tal-kalkolu previst fil-punt 7.2 ta' dak l-Anness, 43 jum addizzjonali fuq il-baħar għandhom jiġu allokati lir-Renju Unit għall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2013 u l-31 ta' Jannar 2014 għal bastimenti li jġorru abbord jew jużaw dawn ix-xbieki tat-tkarkir bit-travu.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Jiem ta' sajd addizzjonali għal Franza**

1. Għall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2013 u l-31 ta' Jannar 2014, l-għadd massimu ta' jiem li fihom bastiment tas-sajd li jtajjar l-bandiera ta' Franza u li jġorr abbord jew juża xbieki tat-tkarkir bit-travu b'qies il-malji ta' 80 mm jew aktar jista' jkun preżenti fid-diviżjoni VIIe tal-ICES, kif stabbilit fit-Tabella I tal-Anness IIC għar-Regolament (UE) Nru 39/2013, huwa miżjuda għal 175 jum fis-sena.

2. Għall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2013 u l-31 ta' Jannar 2014, l-għadd massimu ta' jiem li fihom bastiment tas-sajd li jtajjar l-bandiera ta' Franza u li jġorr abbord jew juża xbieki statiċi, fosthom għeżula, pariti u għeżula tat-tħabbil, b'qies il-malji ta' 220 mm jew anqas jistgħu jkunu preżenti fid-diviżjoni VIIe tal-ICES, kif stabbilit fit-Tabella I tal-Anness IIC għar-Regolament (UE) Nru 39/2013, huwa miżjud għal 178 jum fis-sena.

*Artikolu 2*

**Jiem ta' sajd addizzjonali għar-Renju Unit**

Għall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2013 u l-31 ta' Jannar 2014, l-għadd massimu ta' jiem li fihom bastiment tas-sajd li jtajjar l-bandiera tar-Renju Unit u li jġorr abbord jew juża xbieki tat-tkarkir bit-travu bid-daqs tal-malji ta' 80 mm jew aktar jista' jkun preżenti fid-diviżjoni VIIe tal-ICES, kif stabbilit fit-Tabella I tal-Anness IIC għar-Regolament (UE) Nru 39/2013, huwa miżjud għal 207 jum fis-sena.

([1]) ĠU L 23, 25.1.2013, p. 1.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1095/2013

## tal-4 ta' Novembru 2013

## li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Sierra de Cádiz (AOP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([2]).

(2) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Spanja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Sierra de Cádiz", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 205/2005 ([3]).

(3) L-emenda kkonċernata mhix minuri, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għall-emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 ([4]). Ladarba l-Kummissjoni ma ġiet innotifikata bl-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tal-istess Regolament, l-emenda għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emenda fl-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, b'rabta mad-denominazzjoni mniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament, hija approvata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Dacian CIOLOȘ
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([3]) ĠU L 33, 5.2.2005, p. 6.
([4]) ĠU C 376, 6.12.2012, p. 8.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.5. Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, eċċ.)**

SPANJA

Sierra de Cádiz (AOP)

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1096/2013

## tal-4 ta' Novembru 2013

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Poulet des Cévennes / Chapon des Cévennes (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni ta' Franza għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Poulet des Cévennes" / "Chapon des Cévennes" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "Poulet des Cévennes" / "Chapon des Cévennes" għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 33, 5.2.2013, p. 10.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.1. Laħam frisk (u l-ġewwieni)**

FRANZA

Poulet des Cévennes / Chapon des Cévennes (IĠP)

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1097/2013

## tal-4 ta' Novembru 2013

## li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Lentilles vertes du Berry (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([2]).

(2) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Franza għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Lentilles vertes du Berry", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1576/98 ([3]).

(3) L-emenda kkonċernata mhix minuri, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għall-emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 ([4]). Ladarba l-Kummissjoni ma ġiet innotifikata bl-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tal-istess Regolament, l-emenda għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emenda fl-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'rabta mad-denominazzjoni mniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament, hija approvata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Dacian CIOLOȘ
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([3]) ĠU L 206, 23.7.1998, p. 15.
([4]) ĠU C 387, 15.12.2012, p. 16.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati**

FRANZA

Lentilles vertes du Berry (IĠP))

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1098/2013**

**tal-4 ta' Novembru 2013**

**li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Gâche vendéenne (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont il-punt a) tal-Artikolu 50(2) tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni ta' Franza għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Gâche vendéenne" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012; id-denominazzjoni "Gâche vendéenne" għandha għalhekk tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija rreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 68, 8.3.2013, p. 48.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel elenkati fil-punt I tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012:

**Klassi 2.4. Prodotti ta' ħobż, għaġina, kejkijiet, ħlewwiet, gallettini u prodotti oħra tal-furnara**

FRANZA

Gâche vendéenne (IĠP)

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1099/2013**

**tal-5 ta' Novembru 2013**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (titjib ta' servizzi regolari ta' tbaħħir)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 247 tiegħu,

Billi:

(1) L-Azzjoni ewlenija 2 tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "l-Att dwar is-Suq Uniku II, Flimkien għal tkabbir ġdid" ([2]) issejjaħgħat-twaqqif ta' Suq Uniku reali għat-trasport marittimu billi oġġetti tal-Unjoni trasportati bejn il-portijiet tal-Unjoni ma jibqgħux soġġetti għal formalitajiet amministrattivi u doganali li japplikaw għal oġġetti li jaslu minn portijiet barranin.

(2) Għal dan il-għan, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tressaq pakkett "Blue Belt" b'inizjattivi leġiżlattivi u non-leġiżlattivi biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-operaturi involuti fi trasport marittimu fi ħdan l-Unjoni għal livell li hu komparabbli ma' dak ta' mezzi oħrajn tat-trasport (bl-ajru, bil-ferrovija u t-triq).

(3) Dan ir-Regolament jifforma parti mill-pakkett Blue Belt.

(4) Skont l-Artikolu 313(2)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([3]), l-oġġetti li jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-Komunità skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 mhux se jitqiesu bħala oġġetti Komunitarji sakemm ma jiġix stabbilit li għandhom status Komunitarju.

(5) L-Artikolu 313(3)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jipprovdi li oġġetti trasportati bil-baħar bejn portijiet fit-territorju doganali tal-Komunità minn servizz tat-tbaħħir regolari awtorizzat għandhom jitqiesu li huma oġġetti tal-Komunità, sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor. Bastimenti għal servizzi regolari tat-tbaħħir jistgħu wkoll jittrasportaw oġġetti mhux tal-Komunità, sakemm dawn jitqiegħdu taħt proċedura esterna ta' tranżitu tal-Komunità. Barra minn hekk, l-użu ta' bastimenti għal servizzi regolari tat-tbaħħir għat-trasport ta' oġġetti mhux Komunitarji huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' kontrolli għal skopijiet oħrajn, inklużi dawk relatati għal xi annimal, riskji għas-saħħa pubblika jew tal-pjanti.

(6) Qabel ma joħorġu awtorizzazzjoni għal servizzi regolari tat-tbaħħir, l-awtorità doganali li tawtorizza għandha l-obbligu li tikkonsulta l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri l-oħrajn kkonċernati minn dak is-servizz. Jekk, wara li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni, id-detentur ta' tali awtorizzazzjoni (minn hawn 'il quddiem il-"detentur") sussegwentement ikun jixtieq jestendi s-servizz lejn Stati Membri oħrajn, ikun hemm bżonn ta' konsultazzjonijiet ulterjuri mal-awtoritajiet doganali ta' dawn l-Istati Membri. Biex tiġi evitata kemm jista' jkun il-ħtieġa li jsiru aktar konsultazzjonijiet wara li tkun ġiet konċessa l-awtorizzazzjoni, għandu jkun ipprovdut li l-applikanti jistgħu, barra l-lista tal-Istati Membri fil-fatt ikkonċernati mis-servizz, jispeċifikaw ukoll l-Istati Membri li jistgħu potenzjalment ikunu kkonċernati li jiddikkjaraw li għandhom pjanijiet għal servizzi futuri.

(7) Mill-2010, kien qed jingħata perjodu ta' 45 ġurnata għall-konsultazzjoni tal-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri oħrajn. Madankollu, l-esperjenza wriet li dan il-perjodu huwa twil bla ħtieġa u għandu jitnaqqas.

(8) L-użu ta' sistema elettronika tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni wassal biex l-Anness 42A tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 ma jibqax meħtieġ.

(9) Fuq talba tad-detentur, awtorizzazzjonijiet għal servizzi regolari tat-tbaħħir eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu riveduti biex iqisu kull Stat Membru li jista' potenzjalment ikun kkonċernat li għalihom id-detentur jiddikjara li hu għandu pjanijiet għal servizzi futuri.

(10) Is-sistema elettronika ta' informazzjoni u komunikazzjoni użata attwalment biex taħżen informazzjoni u biex tinnotifika lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri l-oħrajn dwar awtorizzazzjonijiet għal servizzi regolari tat-tbaħħir mhix is-sistema msemmija fl-Artikolu 14x tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93. Ir-referenzi għal din is-sistema għandhom jiġu kkoreġuti.

(11) Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens.

(12) Il-bidliet fit-tul tal-perjodu permess għall-konsultazzjoni tal-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri oħrajn u fin-numru ta' Stati Membri li jistgħu jiġu speċifikati fl-applikazzjoni jeħtieġu bidliet fis-sistema elettronika ta' informazzjoni u komunikazzjoni ta' servizzi regolari tat-tbaħħir u l-applikazzjoni differita tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.
([2]) COM(2012) 573 final, 3.10.2012.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju(ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 313b huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2a li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 2:

"2a. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom, bl-użu ta' sistema elettronika ta' informazzjoni u komunikazzjoni ta' servizzi regolari tat-tbaħħir, jaħżnu u jkollhom aċċess għall-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dejta tal-applikazzjonijiet;

(b) l-awtorizzazzjonijiet għal servizzi regolari tat-tbaħħir u, fejn ikun applikabbli, l-emendar, jew ir-revoka;

(c) l-ismijiet tal-portijiet tal-ġbir u l-ismijiet tal-bastimenti assenjati għas-servizz;

(d) l-informazzjoni l-oħra kollha rilevanti.",

(b) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għal servizzi regolari tat-tbaħħir għandha tispeċifika l-Istati Membri li jkunu verament ikkonċernati mis-servizz u tista' tispeċifika l-Istati Membri li jistgħu potenzjalment ikunu kkonċernati li għalihom l-applikant jiddikjara li hu għandu pjanijiet għal servizzi futuri. L-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru li għalihom kienet indirizzata l-applikazzjoni (l-awtorità doganali li tawtorizza) għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri l-oħrajn ikkonċernati bis-servizz ta' tbaħħir (l-awtoritajiet doganali korrispendenti) permezz tas-sistema elettronika ta' informazzjoni u komunikazzjoni ta' servizzi regolari tat-tbaħħir li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 2a."

(ii) Fit-tieni subparagrafu, "45" jitbiddel bi "15".

(iii) Fit-tieni subparagrafu, il-kliem "is-sistema elettronika ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x" huma sostitwiti bil-kliem "is-sistema elettronika ta' informazzjoni u komunikazzjoni ta' servizzi regolari tat-tbaħħir msemmija fil-paragrafu 2a.",

(iv) Fit-tielet subparagrafu, il-kliem "is-sistema elettronika ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x" huma sostitwiti bil-kliem "is-sistema elettronika ta' informazzjoni u komunikazzjoni ta' servizzi regolari tat-tbaħħir msemmija fil-paragrafu 2a.",

(2) Fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 313c(2), il-kliem "is-sistema elettronika ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x" huma sostitwiti bil-kliem "is-sistema elettronika ta' informazzjoni u komunikazzjoni ta' servizzi regolari tat-tbaħħir msemmija fl-Artikolu 313b(2a).",

(3) Fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 313d(2), il-kliem "is-sistema elettronika ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x" huma sostitwiti bil-kliem "is-sistema elettronika ta' informazzjoni u komunikazzjoni ta' servizzi regolari tat-tbaħħir msemmija fl-Artikolu 313b(2a).",

(4) Fl-Artikolu 313f(2), il-kliem "is-sistema elettronika ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x" huma sostitwiti bil-kliem "is-sistema elettronika ta' informazzjoni u komunikazzjoni ta' servizzi regolari tat-tbaħħir msemmija fl-Artikolu 313b(2a).",

(5) L-Anness 42A jitħassar.

*Artikolu 2*

L-awtoritajiet doganali li jawtorizzaw għandhom, fuq talba tad-detentur, jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet għal servizzi regolari tat-tbaħħir li diġà jeżistu fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament stabbiliti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 sabiex jitqiesu l-Istati Membri li jistgħu potenzjalment ikunu kkonċernati li għalihom id-detentur jiddikjara li għandu pjanijiet għal servizzi futuri.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt 1 (b) (i) u (ii) tal-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Marzu 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1100/2013

## tal-5 ta' Novembru 2013

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 41,5 |
| | MA | 41,8 |
| | MK | 36,9 |
| | TR | 75,3 |
| | ZZ | 48,9 |
| 0707 00 05 | AL | 53,3 |
| | EG | 177,3 |
| | MK | 71,7 |
| | TR | 144,5 |
| | ZZ | 111,7 |
| 0709 93 10 | AL | 50,7 |
| | MA | 88,1 |
| | TR | 127,3 |
| | ZZ | 88,7 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | TR | 67,6 |
| | ZZ | 67,6 |
| 0805 50 10 | TR | 72,1 |
| | ZA | 54,2 |
| | ZZ | 63,2 |
| 0806 10 10 | BR | 231,7 |
| | PE | 281,8 |
| | TR | 169,9 |
| | ZZ | 227,8 |
| 0808 10 80 | BA | 66,4 |
| | CL | 210,3 |
| | NZ | 151,7 |
| | US | 132,2 |
| | ZA | 127,9 |
| | ZZ | 137,7 |
| 0808 30 90 | CN | 72,8 |
| | TR | 116,3 |
| | ZZ | 94,6 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-4 ta' Novembru 2013**

**li temenda r-Rakkomandazzjoni 2006/576/KE fir-rigward tat-tossini T-2 u HT-2 f'għalf kompost għall-qtates**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/637/UE)

L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) It-tossini T-2 u HT-2 huma mikotossini prodotti minn diversi speċi *Fusarium*. It-tossina T-2 tiġi metabolizzata malajr għal għadd kbir ta' prodotti, filwaqt li t-tossina HT-2 hija metabolit maġġuri.

(2) Il-Bord Xjentifiku dwar il-Kontaminanti fil-Katina Alimentari (il-bord CONTAM) tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) adotta opinjoni fuq talba mill-Kummissjoni marbuta mar-risjki għas-saħħa tal-annimali u dik pubblika marbuta mal-preżenza tat-tossini T-2 u HT-2 fl-ikel u fl-għalf ([1]).

(3) Fir-rigward tar-riskju għas-saħħa tal-annimali, il-Bord CONTAM ikkonkluda li għar-ruminanti, il-fniek u l-ħut, l-esponiment stmat preżenti għat-tossini T-2 u HT-2 huwa kkunsidrat bħala improbabbli li jkun ta' tħassib għas-saħħa. Għall-ħnieżer, it-tjur, iż-żwiemel u l-klieb, l-estimi tal-esponiment għat-tossini T-2 u HT-2 jindikaw li r-riskju ta' effetti avversi fuq is-saħħa huwa baxx. Il-qtates huma fost l-ispeċi tal-annimali mill-aktar sensittivi. Minħabba d-dejta limitata u l-effetti avversi severi tas-saħħa f'livelli ta' doża baxxa, ma setgħux jiġu stabbiliti n-NOAEL (livell bla effett ħażin osservat) jew il-LOAEL (livell bl-inqas effett ħażin osservat).

(4) B'kunsiderazzjoni għall-konklużjonijiet tal-opinjoni xjentifika, iridu jsiru investigazzjonijiet sabiex tinġabar informazzjoni dwar il-fatturi li jirriżultaw f'livelli relattivament għoljin ta' tossini T-2 u HT-2 f'ċereali u fi prodotti taċ-ċereali u dwar l-effetti tal-ipproċessar tal-għalf u tal-ikel. Għalhekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/165/UE ([2]) ġiet adottata biex tirrakkomanda li jsiru dawn l-investigazzjonijiet.

(5) Minħabba t-tossiċità tat-tossini T-2 u HT-2 għall-qtates, huwa xieraq li, barra minn hekk, jiġi stabbilit valur ta' gwida għat-total tat-tossini T-2 u HT-2 fl-għalf tal-qtates li għandu jiġi applikat għall-ġudizzju tal-aċċettabbiltà tal-għalf tal-qtates fir-rigward tal-preżenza tat-tossini T-2 u HT-2. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/576/KE ([3]) għalhekk għandha tiġi emendata,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2006/576/KE, tiżdied l-entrata li ġejja wara l-entrata dwar il-Fumonisin B1 + B2:

| "Mikotossina | Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali | Valur gwida fi mg/kg (ppm) li hu relattiv għal għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 % |
|---|---|---|
| Tossini T-2 + HT-2 | Għalf kompost għall-qtates | 0,05" |

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Tonio BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) Bord tal-EFSA dwar il-Kontaminanti fil-Katina Alimentari (CONTAM); Opinjoni Xjentifika dwar ir-riskji għas-saħħa tal-annimali u dik pubblika marbuta mal-preżenza tat-tossini T-2 u HT-2 fl-ikel u fl-għalf. EFSA Journal 2011; 9(12):2481. [187 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2011.2481. Jinsab onlajn: www.efsa.europa.eu/efsajournal.

([2]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/165/UE tas-27 ta' Marzu 2013 dwar il-preżenza tat-tossini T-2 u HT-2 f' ċereali u fi prodotti taċ-ċereali (ĠU L 91, 3.4.2013, p. 12).

([3]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/576/KE tas-17 ta' Awwissu 2006 dwar il-preżenza tad-deossinivalenol, zearalenon, ochratossin A, T-2 u HT-2 u l-fumonisini fil-prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali (ĠU L 229, 23.8.2006, p. 7).

**EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT